# Il-Ġurnal Uffiċjali C 142

## tal-Unjoni Ewropea

Volum 58

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — 29 ta' April 2015


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2015/C 142/01 — Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' April 2015 li taħtar membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ..... 1

2015/C 142/02 — Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ..... 3


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2015/C 142/03 — Rata tal-kambju tal-euro ..... 4

2015/C 142/04 — Avviż ta' informazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi ma' pajjiżi terzi nnotifikati fis-26 ta' Novembru 2013 dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ..... 5

2015/C 142/05 — Avviż ta' informazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi ma' pajjiżi terzi nnotifikati fl-10 ta' Ġunju 2014 dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ..... 6

2015/C 142/06 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2015 dwar notifika lil pajjiż terz dwar il-possibbiltà li dan jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkoperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ..... 7


MT

2015/C 142/07 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiki restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ AT.39685(1) Fentanil — Relatur: il-Latvja ..... 18

2015/C 142/08 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiki restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2013 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ AT.39685(2) Fentanil — Relatur: il-Latvja/ir-Renju Unit ..... 19

2015/C 142/09 Ir-Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta — Fentanil (AT.39685) ..... 20

2015/C 142/10 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2013 relatat mal-proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Il-Każ AT.39685 — Fentanil) *(notifikata bid-dokument C(2013) 8870)* ..... 21

**Il-Qorti tal-Awdituri**

2015/C 142/11 Rapport Speċjali Nru 4/2015 "L-assistenza teknika: x'kontribut tat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali?" 23

2015/C 142/12 Rapport Speċjali Nru 5/2015 "L-istrumenti finanzjarji huma għodda ta' suċċess u promettenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali?" ..... 23

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 142/13 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7624 — KKR / Comcast / Pentech / Piton / Scottish Enterprise / Shamrock / FanDuel / JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] .... 24

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2015/C 142/14 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ........ 25

2015/C 142/15 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ....... 29

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-20 ta' April 2015**

**li taħtar membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel**

(2015/C 142/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri hija wkoll indispensabbli.

(2) Membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA, is-Sinjura Valérie BADUEL, irriżenjat. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi maħtur membru ġdid għall-bqija tal-mandat tagħha.

(3) Bil-ħsieb li jinħatar membru ġdid tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA, il-Kunsill eżamina l-lista ppreżentata mill-Kummissjoni abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew. L-għan huwa li jiġu żgurati l-ogħla standard ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti, pereżempju fil-ġestjoni u fl-amministrazzjoni pubblika, u d-distribuzzjoni ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli fi ħdan l-Unjoni.

(4) L-Artiklu 25 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, jirrikjedi li erba' membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA għandu jkollhom esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi u interessi oħra fil-katina alimentari. Attwalment, erba' membri diġà għandhom tali esperjenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja qiegħda tinħatar membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-perijodu mill-1 ta' Mejju 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016:

Is-Sur Michael WINTER.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-20 ta' April 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. DŪKLAVS

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

(2015/C 142/02)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tal-persuni li huma attwalment deżinjati fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK ([1]) u fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 ([2]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

Il-Kunsill għandu wkoll l-intenzjoni li jemenda d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet għall-persuni li ġejjin: Is-Sur Ali Mamlouk, is-Sur Rustum Ghazali, is-Sur Faruq Al Shara' u l-Brigadier Ġenerali Rafiq Shahadah (elenkat bħala Nru 3, 11, 16 u 37 rispettivament fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK u fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012).

Il-persuni kkonċernati huma b'dan infurmati li huma jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet maħsuba, qabel il-**11 ta' Mejju 2015**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELĠJU

Indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

---

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.
([2]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## It-28 ta' April 2015

(2015/C 142/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0927 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3188 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 130,09 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,4696 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4607 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,4226 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,71500 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,4433 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,3808 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 167,18 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0464 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 13,0108 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 6,7806 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,3920 | HRK | Kuna Kroata | 7,5860 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 149,02 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,471 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,8755 |
| HUF | Forint Ungeriż | 301,35 | PHP | Peso Filippin | 48,320 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0015 | RUB | Rouble Russu | 57,0315 |
| RON | Leu Rumen | 4,4026 | THB | Baht Tajlandiż | 35,611 |
| TRY | Lira Turka | 2,9161 | BRL | Real Brażiljan | 3,1786 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3752 | MXN | Peso Messikan | 16,7325 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 68,9985 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Avviż ta' informazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi ma' pajjiżi terzi nnotifikati fis-26 ta' Novembru 2013 dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

(2015/C 142/04)

Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) temmet l-inizjattivi diplomatiċi mar-Repubblika tal-Korea fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) mibdija fis-26 ta' Novembru 2013 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/C 346/03 ([1]) dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li jistgħu jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1992 ([2]) (ir-Regolament IUU).

## 1. **Qafas legali**

Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx. Din in-notifika hija ta' natura preliminari. In-notifika tal-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx hija bbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU.

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inizjattivi diplomatiċi kollha stipulati fl-Artikolu 32 fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tinkludi fin-notifika informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejsu identifikazzjoni bħal din, l-opportunità ta' dawk il-pajjiżi biex jirrispondu u jipprovdu evidenza li tikkontradixxi l-identifikazzjoni jew, fejn hu xieraq, pjan ta' azzjoni għat-titjib u l-miżuri meħuda biex tiġi rrettifikata s-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien adegwat lill-pajjiżi terzi kkonċernati sabiex jirrispondu għan-notifika u żmien xieraq biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

## 2. **Proċedura**

Fis-26 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lir-Repubblika tal-Korea bil-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU).

Il-Kummissjoni saħqet li sabiex tevita li tiġi identifikata bħala pajjiż li ma jikkooperax, din kienet mistiedna tikkoopera mal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' proposta ta' pjan ta' azzjoni biex jiġu rrettifikati n-nuqqasijiet identifikati.

Il-Kummissjoni fetħet proċess ta' djalogu mar-Repubblika tal-Korea. Dan il-pajjiż ppreżenta kummenti orali u bil-miktub li tqiesu u ttieħdu f'kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ssoktat tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa.

Ir-Repubblika tal-Korea introduċiet il-miżuri meħtieġa għall-waqfien tal-attivitajiet ta' sajd IUU msemmija u l-prevenzjoni ta' kull attività futura bħal din, u rrettifikat kull att jew ommissjoni li jwasslu għan-notifika tal-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

## 3. **Konklużjoni**

Fiċ-ċirkostanzi partikolari u wara li ġew eżaminati l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-inizjattivi diplomatiċi fil-konfront tar-Repubblika tal-Korea, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dmirijietha imposti fuqha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq u l-azzjonijiet tagħhom biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU, huma b'dan itterminati. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti ġew uffiċjalment informati mill-Kummissjoni.

It-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi msemmija hawn fuq ma tipprekludi l-ebda pass sussegwenti meħud mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill fil-futur, f'każ li l-elementi ta' fatt juru li pajjiż jonqos milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, u milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

---

([1]) ĠU C 346, 27.11.2013, p. 26.
([2]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

**Avviż ta' informazzjoni dwar it-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi ma' pajjiżi terzi nnotifikati fl-10 ta' Ġunju 2014 dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

(2015/C 142/05)

Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) temmet l-inizjattivi diplomatiċi mar-Repubblika tal-Filippini fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) mibdija fl-10 ta' Ġunju 2014 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/C 185/03 ([1]), dwar in-notifika lir-Repubblika tal-Filippini li l-Kummissjoni tqis li tista' tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([2]) (ir-Regolament IUU).

## 1. Qafas legali

Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx. Din in-notifika hija ta' natura preliminari. In-notifika tal-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx hija bbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU.

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inizjattivi diplomatiċi kollha stipulati fl-Artikolu 32 fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tinkludi fin-notifika informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejsu identifikazzjoni bħal din, l-opportunità ta' dawk il-pajjiżi biex jirrispondu u jipprovdu evidenza li tikkontradixxi l-identifikazzjoni jew, fejn hu xieraq, pjan ta' azzjoni għat-titjib u l-miżuri meħuda biex tiġi rrettifikata s-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien adegwat lill-pajjiżi terzi kkonċernati sabiex jirrispondu għan-notifika u żmien xieraq biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

## 2. Proċedura

Fl-10 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lir-Repubblika tal-Filippini bil-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU).

Il-Kummissjoni saħqet li sabiex tevita li tiġi identifikata bħala pajjiż li ma jikkooperax, r-Repubblika tal-Filippini ġiet mistiedna tikkoopera mal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' proposta ta' pjan ta' azzjoni biex jiġu rrettifikati n-nuqqasijiet identifikati.

Il-Kummissjoni fetħet proċess ta' djalogu mar-Repubblika tal-Filippini. Dan il-pajjiż ppreżenta kummenti orali u bil-miktub li tqiesu u ttieħdu f'kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ssoktat tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa.

Ir-Repubblika tal-Filippini introduċiet il-miżuri meħtieġa għall-waqfien tal-attivitajiet ta' sajd IUU msemmija u l-prevenzjoni ta' kull attività futura bħal din, u rrettifikat kull att jew ommissjoni li jwasslu għan-notifika tal-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

## 3. Konklużjoni

Fiċ-ċirkostanzi partikolari u wara li ġew eżaminati l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-inizjattivi diplomatiċi fil-konfront tar-Repubblika tal-Filippini, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tal-eżerċizzju ta' dmirijiethom imposti fuqhom skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali u tas-suq u l-azzjonijiet tagħhom biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU, huma b'dan itterminati. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti ġew uffiċjalment informati mill-Kummissjoni.

It-terminazzjoni tal-inizjattivi diplomatiċi msemmija hawn fuq ma tipprekludi l-ebda pass sussegwenti meħud mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill fil-futur, f'każ li l-elementi ta' fatt juru li pajjiż jonqos milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, u milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

---

([1]) ĠU C 185, 17.6.2014, p. 17.
([2]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-21 ta' April 2015

## dwar notifika lil pajjiż terz dwar il-possibbiltà li dan jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkoperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

(2015/C 142/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 (ir-"Regolament IUU") jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (sajd IUU).

(2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkoperawx, id-*démarches* fir-rigward ta' pajjiżi bħal dawn, l-istabbiliment ta' lista ta' tali pajjiżi, it-tneħħija minn dik il-lista, il-pubbliċità ta' dik il-lista u kull miżura ta' emerġenza.

(3) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi terzi bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkoperawx. Din in-notifika hija ta' bixra preliminari. In-notifika għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 31 tar-Regolament IUU. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll id-*démarches* kollha stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-pajjiżi terzi nnotifikati. B'mod partikolari, fin-notifika l-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jsejsu identifikazzjoni bħal din, tagħti l-opportunità lil dawk il-pajjiżi biex jirrispondu u jipprovdu evidenza li tikkontradixxi l-identifikazzjoni u, fejn ikun xieraq, toffri pjan ta' azzjoni għat-titjib u miżuri meħudin biex jirrettifikaw is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti żmien biżżejjed lill-pajjiżi terzi nnotifikati biex iwieġbu għan-notifika u żmien xieraq biex jirranġaw is-sitwazzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni Ewropea għandha tidentifika lill-pajjiżi terzi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkoperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Pajjiż terz għandu jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkoperax jekk jonqos milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, jew milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

(5) L-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkoperawx għandha tkun ibbażata fuq ir-reviżjoni tal-informazzjoni kollha kif inhu stipulat fl-Artikolu 31(2) tar-Regolament IUU.

(6) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kunsill għandu jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkoperawx. Il-miżuri stipulati, *inter alia*, fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU japplikaw għal dawk il-pajjiżi.

(7) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-qabda vvalidati minn pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera hija soġġetta għal notifika lill-Kummissjoni dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastimenti tas-sajd tal-pajjiżi terzi kkonċernati għandhom ikunu konformi magħhom.

(8) Skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni tikkopera b'mod amministrattiv ma' pajjiżi terzi f'oqsma li jappartjenu għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

2. **PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAR-RENJU TAT-TAJLANDJA**

(9) In-notifika tar-Renju tat-Tajlandja bħala Stat tal-bandiera waslet għand il-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament IUU fis-6 ta' Ottubru 2009.

([1]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

(10) Bejn it-18 u t-22 ta' April 2011, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (European Fisheries Control Agency - EFCA), wettqet żjara fit-Tajlandja fil-kuntest tal-koperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 20(4) tar-Regolament IUU.

(11) Iż-żjara saret biex tivverifika l-informazzjoni dwar l-arranġamenti tat-Tajlandja għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li l-bastimenti tas-sajd iridu jikkonformaw magħhom, il-miżuri meħudin mit-Tajlandja biex timplimenta l-obbligi tagħha fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u biex tissodisfa r-rekwiżiti u l-punti tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tal-Unjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-qabda.

(12) Ir-rapport finali taż-żjara ntbagħat lit-Tajlandja fit-30 ta' Ġunju 2011.

(13) Fis-27 ta' April 2012, saret laqgħa teknika bejn it-Tajlandja u s-servizzi tal-Kummissjoni. It-Tajlandja tat aġġornament dwar l-iżviluppi minn April 2011 lil hawn fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament IUU. It-Tajlandja ppreżentat Att dwar is-Sajd rivedut, aċċettat mill-Kabinett u lest għall-adozzjoni mis-Senat u mill-Parlament, kif ukoll programm dwar Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti li tnieda u li hemm il-pjan li jinfirex aktar fl-2013, u abbozz finali tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar is-sajd IUU li kien lest għat-traduzzjoni.

(14) Bejn id-9 u t-12 ta' Ottubru 2012 saret żjara oħra mill-Kummissjoni fit-Tajlandja biex issegwi l-azzjonijiet meħuda fl-ewwel żjara.

(15) Ir-rapport finali taż-żjara ntbagħat lit-Tajlandja fid-9 ta' Novembru 2012.

(16) Fid-29 ta' Novembru 2012, it-Tajlandja ppreżentat informazzjoni addizzjonali u fit-23 ta' Jannar 2013 ippreżentat il-kummenti tagħha dwar ir-rapport taż-żjara ta' Novembru 2012.

(17) Fil-15 ta' Frar, il-Kummissjoni wieġbet għall-kummenti fir-rapport tat-Tajlandja bid-data tat-23 ta' Jannar 2013.

(18) It-Tajlandja tat informazzjoni addizzjonali fil-forma ta' pjan ta' azzjoni biex ittejjeb is-sistemi ta' traċċabilità għall-prodotti tas-sajd impurtati fil-11 ta' April 2013.

(19) Bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru 2014 saret żjara oħra mill-Kummissjoni fit-Tajlandja biex issegwi l-azzjonijiet meħuda fil-missjoni ta' Ottubru 2012.

(20) Ir-rapport finali taż-żjara ntbagħat lit-Tajlandja fid-29 ta' Ottubru 2014. Matul iż-żjara, il-Kummissjoni stabbiliet li ftit li xejn sar progress dwar in-nuqqasijiet kritiċi identifikati fl-2011.

(21) Fid-19 ta' Novembru 2014, saret laqgħa bejn it-Tajlandja u s-servizzi tal-Kummissjoni li fiha t-Tajlandja għamlet kummenti addizzjonali. Wara l-laqgħa, it-Tajlandja ressqet għadd ta' rappreżentazzjonijiet bil-miktub. Fit-28 ta' Jannar 2015, it-Tajlandja ppreżentat il-verżjoni mhux uffiċjali tal-Att dwar is-Sajd li ġie ppubblikat fid-9 ta' Jannar 2015 (referenza Fisheries Act B.E. 2558 (2015).

(22) It-Tajlandja hija membru tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (Indian Ocean Tuna Commission — IOTC). It-Tajlandja rratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar id-Dritt tal-Baħar (United Nations Convention on the Law of the Sea - UNCLOS).

(23) Sabiex tevalwa l-konformità tat-Tajlandja mal-obbligi internazzjonali tagħha bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq kif stipulat fil-ftehimiet internazzjonali li hemm referenza għalihom fil-premessa 22 u stabbiliti mill-Organizzazzjoni tal-Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali (Regional Fisheries Management Organisation — RFMOs) relevanti msemmija f'dik il-premessa, il-Kummissjoni fittxet u analizzat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għall-finijiet ta' dak l-eżerċizzju. It-test ewlieni legali fis-seħħ dwar il-ġestjoni Tajlandiża tas-sajd huwa l-Att dwar is-Sajd tal-1947. Il-pubblikazzjoni riveduta ta' Jannar 2015 hija mistennija li tidħol fis-seħħ fl-2015. Din hija kkumplimentata minn għadd ta' regolamenti u notifiki ministerjali li jkopru aspetti tekniċi dwar il-ġestjoni tas-sajd. Il-parti l-kbira ta' dawn it-testi għandhom aktar minn 10 snin u ma ġewx aġġornati. L-awtoritajiet tat-Tajlandja aċċettaw il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-Att dwar is-Sajd u ħadmu għal ħafna snin biex jiżviluppaw l-istrument il-ġdid.

(24) Il-Kummissjoni użat ukoll l-informazzjoni miksuba mid-dejta disponibbli ppubblikata mill-IOTC kif ukoll l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

## 3. IL-POSSIBBILTÀ LI T-TAJLANDJA TIĠI IDENTIFIKATA BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOPERAX

(25) Il-Kummissjoni analizzat l-obbligi tat-Tajlandja bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq, skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament IUU. Għall-fini ta' dik l-analiżi, il-Kummissjoni qieset il-kriterji elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.

### 3.1. Ir-Rikorrenza ta' Bastimenti IUU u l-flussi kummerċjali IUU (l-Artikolu 31(4) tar-Regolament IUU)

(26) Il-Kummissjoni stabbiliet, abbażi tal-informazzjoni miksuba miż-żjarat tagħha fuq il-post u minn informazzjoni disponibbli pubblikament, li mill-anqas 11-il bastiment kienu involuti f'attivitajiet IUU matul il-perjodu [2] [3] [4] 2010-2014.

(27) Abbażi tal-evidenza miksuba, ġie rrappurtat li bastimenti li jtajru l-bandiera Tajlandiża wettqu dawn il-każijiet ta' ksur serju li ġejjin, li jmorru kontra l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli fi ħdan iż-żoni tas-sajd ikkonċernati, billi: stadu mingħajr liċenzja valida, awtorizzazzjoni jew permess maħruġ mill-Istat tal-bandiera jew mill-Istati kostali rilevanti; stadu mingħajr tagħmir ta' Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (Vessel Monitoring System — VMS) abbord f'ibħra internazzjonali u Stati kostali fejn il-VMS huwa rekwiżit għall-bastimenti kollha li jtajru bandiera barranija; ippreżentaw informazzjoni żbaljata dwar iż-żoni tas-sajd biex jiksbu validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabda mill-awtoritajiet Tajlandiżi u tal-importazzjoni tal-prodotti fl-UE; iffalsifikaw jew ħbew il-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni tagħhom; xekklu l-ħidma tal-uffiċjali tal-Istat tal-kosta fit-twettiq ta' dmirijiethom fl-ispezzjonar tal-konformità mal-miżuri applikabbli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni; Barra minn hekk, xi wħud minn dawn il-bastimenti ma ssodisfawx l-obbligi tagħhom li jirreġistraw u jirrapportaw dħul, ħruġ u dejta dwar il-qabda li għamlu lill-awtoritajiet tal-Istati kostali. Id-Dipartiment tas-Sajd Tajlandiż (DOF) investiga wieħed mill-każijiet kif spjegat f'din id-Deċiżjoni (il-premessa 79) iżda ma ngħatat l-ebda prova ta' azzjonijiet oħra lill-Kummissjoni.

(28) F'Ottubru 2014, ħames (5) bastimenti Tajlandiżi ġew arrestati għal sajd illegali fiż-żona ekonomika esklussiva (ŻEE) ta' Papua New Guinea (PNG). In-nuqqas ta' VMS abbord il-parti l-kbira tal-bastimenti Tajlandiżi (kif deskritt fil-premessa 37) flimkien ma' kollaborazzjoni dgħajfa mal-Istati ġirien (it-Taqsima 3.2 ta' din id-Deċiżjoni) jissuġġerixxu li r-riskju li fost il-flotta Tajlandiża sseħħ attività IUU huwa għoli. Dan huwa sostnut minn distribuzzjoni estensiva ta' bastimenti Tajlandiżi involuti f'attivitajiet IUU fl-Oċean Indjan u fl-Oċean Paċifiku tal-Punent fl-2011-2014 (kif iddikjarat fil-premessa 26). Il-post u l-firxa ta' dawn l-inċidenzi jaqblu mad-distribuzzjoni tal-flotta Tajlandiża tal-ibħra mbiegħda qabel l-2012.

(29) Storikament, il-flotta Tajlandiża kkontribwiet għal 40 % tal-produzzjoni tas-sajd tal-qbid marittimu. Din naqset b'mod konsiderevoli fl-aħħar snin minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet demersali u pelaġiċi fl-ibħra Tajlandiżi [5]. Fl-2007, il-flotta Tajlandiża ġiet irrappurtata li kienet qed tistad fl-Indoneżja, fil-Kambodja, fil-Malasja, fil-Bangladesh, fis-Somalja, fil-Madagascar u fil-Mjanmar b'aktar minn 460 bastiment magħruf. Illum, il-flotta tal-ibħra mbiegħda naqset għal 10 bastimenti tas-sajd bil-konz awtorizzati li jistadu fiż-żona tal-IOTC u 52 bastiment tat-tkarkir liċenzjati biex jistadu f'Papua New Guinea. It-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra territorjali Tajlandiżi flimkien mat-tnaqqis taż-żona tas-sajd minħabba t-telf tad-drittijiet ta' aċċess għall-ibħra ta' pajjiżi terzi jissuġġerixxu li għadd kbir ta' bastimenti tas-sajd għadhom joperaw b'mod illegali mingħajr regolamentazzjoni jew rappurtar tal-qabda kemm f'ibħra internazzjonali kif ukoll fl-ilmijiet tal-Istati kostali.

(30) Il-flotta kibret b'aktar minn 15 000 bastiment mill-2011 lil hawn, u issa tlaħħaq madwar 40 000 bastiment li minnhom 7 000 huma kklassifikati bħala bastimenti kummerċjali (kull wieħed b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 20 tunnellata). Mit-total, anqas minn wieħed minn kull ħamsa jużaw ġurnali ta' abbord, fatt li jissuġġerixxi li l-maġġoranza tal-qabdiet ma jiġux rappurtati. F'dan ir-rigward, it-Tajlandja naqset milli tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha bħala Stat kostali biex tiżgura l-aqwa użu tar-riżorsi tas-sajd fiż-ŻEE tagħha skont fatturi xjentifiċi, ambjentali u ekonomiċi, kif stipulat fl-Artikoli 61 u 62 tal-UNCLOS. Dan imur ukoll kontra l-punt 24 tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali sabiex jiġi skoraġġit u eliminat is-Sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Irregolat (IPOA-IUU [6]) li jistipula l-obbligu tal-preżentazzjoni, b'mod regolari, tal-informazzjoni dwar il-qabdiet li tkun fil-ġurnali ta' abbord.

(31) Il-premessi minn 28 sa 30 juru li s-sajd u l-industrija tat-Tajlandja huma kkaratterizzati minn tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut, tnaqqis fiż-żona tas-sajd (għeluq taż-żoni ŻEE u t-telf tal-aċċess għall-ilmijiet kostali tal-istati kostali ta' pajjiżi terzi) u żieda fil-kapaċità tas-sajd (madwar 4 000 bastiment kummerċjali fl-2011 għal 7 000 fl-2014). Il-fatti deskritti f'dawn il-premessi kollha jappoġġaw il-konklużjoni preliminari li l-flotta Tajlandiża topera illegalment barra mill-ibħra territorjali Tajlandiżi b'qabdiet li jew ma jiġux irrappurtati jew jiġu ddikjarati b'mod falz.

---

[2] Informazzjoni (ksur fl-2010) miksuba mir-rapport tal-pajjiż "Accompanying developing countries in complying with the Implementation of Regulation (EC) No 1005/2008 on Illegal, Unreported and Unregulated (IUU) Fishing", EuropeAid/129609/C/SER/Multi.

[3] Informazzjoni (ksur fl-2011) miksuba minn dejta tal-IOTC disponibbli fuq: http://www.iotc.org/sites/default/files/documents/proceedings/2012/coc/IOTC-2012-CoC09-R%5BE%5D.pdf u paġni 5-6 ta' http://iotc.org/sites/default/files/documents/proceedings/2012/coc/IOTC-2012-CoC09-08a%5BE%5D.pdf fis-27.11.2014.

[4] Informazzjoni (ksur fl-2014) miksuba minn aħbarijiet tal-PNG Loop Online http://www.pngloop.com/2014/10/27/record-12-fishing-vessels-investigation-ffas-operation-kurukuru/ u http://www.emtv.com.pg/article.aspx?slug=Illegal-Fishing-Vessels-Apprehended& fl-20.11.2014.

[5] Informazzjoni miksuba mir-rapport tal-pajjiż "Accompanying developing countries in complying with the Implementation of Regulation (EC) No 1005/2008 on Illegal, Unreported and Unregulated (IUU) Fishing", EuropeAid/129609/C/SER/Multi.

[6] Il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali sabiex jiġi prevenut, skoraġġit u eliminat is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, 2001.

(32) Fir-rigward tal-informazzjoni stipulata fil-premessi 26, 27, 28 u 31, il-Kummissjoni tikkunsidra li t-Tajlandja naqset milli tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha bħala Stat tal-bandiera biex tipprevjeni li l-flotta tagħha tinvolvi ruħha f'attivitajiet IUU. F'dan il-kuntest huwa mfakkar li, skont l-Artikolu 94(2)(b) tal-UNCLOS, l-Istat tal-bandiera għandu jassumi l-ġurisdizzjoni skont il-liġi interna tiegħu fuq kull vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu, inkluż fuq l-azzjonijiet tal-kaptan, tal-uffiċjali u tal-ekwipaġġ abbord. Huwa nnutat li l-Istat tal-bandiera għandu d-dmir li jieħu, jew li jikkopera ma' Stati oħra biex jittieħdu, miżuri bħal dawn għaċ-ċittadini rispettivi tiegħu skont kif ikun meħtieġ għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin fl-ibħra internazzjonali.

(33) Skont l-Artikolu 31(4)(b), il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-miżuri li ħadet it-Tajlandja fir-rigward tal-aċċess ta' prodotti tal-ħut li ġejjin minn sajd IUU fis-suq tagħha.

(34) Il-Kummissjoni analizzat id-dokumentazzjoni u informazzjoni oħra dwar il-monitoraġġ u l-kontroll tat-Tajlandja fuq is-sajd tagħha minn qbid marittimu u wkoll ta' prodotti importati. Wara din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tqis li t-Tajlandja ma tistax tiżgura li l-prodotti tas-sajd li jidħlu fil-portijiet tagħha u li l-impjanti tal-ipproċessar ma jkunux ġejjin minn sajd IUU. L-awtoritajiet Tajlandiżi ma setgħux juru li għandhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiċċertifikaw il-legalità tal-importazzjonijiet u l-prodotti pproċessati maħsuba għas-suq tal-UE. L-elementi ewlenin fil-bażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni huma mogħtija fil-qosor aktar 'il quddiem.

(35) Ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' bastimenti Tajlandiżi ssir mid-Dipartiment Marittimu (DM) u Dipartiment tas-Sajd (DS) rispettivament, b'dan tal-aħħar involut fiż-żewġ attivitajiet mill-2010 lil hawn. Fl-2011, l-għadd ta' bastimenti rreġistrati kważi rdoppja wara eżerċizzju li fih l-awtoritajiet ħeġġew bastimenti li mhux irreġistrati jew mhux illiċenzjati biex jirreġistraw.

(36) Iż-żjara tal-2012 uriet li ż-żewġ dipartimenti involuti fir-reġistrazzjoni ma jikkoperawx u li d-differenza fl-għadd ta' bastimenti rreġistrati tvarja bi ftit eluf. In-nuqqas ta' koperazzjoni bejn id-DM u d-DS idgħajjef il-kapaċità tat-Tajlandja li tissorvelja d-daqs u l-kapaċità tal-flotta u tippermetti li operaturi illegali joperaw mit-Tajlandja mingħajr ma jinqabdu. Ir-riskju li bastimenti Tajlandiżi joperaw mingħajr reġistrazzjoni jew liċenzja u jħottu l-art qabdiet mhux iddikjarati għall-ipproċessar għadu għoli.

(37) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' VMS bħala għodda għall-monitoraġġ tal-lokalità tal-attività tas-sajd ifixkel il-proċess tal-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabda Tajlandiżi billi l-awtoritajiet ma jistgħux jivverifikaw u jerġgħu jiċċekkjaw, b'mod sistematiku u indipendenti, iż-żoni tal-qbid ma' dawk iddikjarati mill-operaturi. F'dan ir-rigward, it-Tajlandja tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti li tiżgura monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effikaċi tas-sajd skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS u l-Paragrafu 24 tal-IPOA-IUU.

(38) Bastimenti ta' pajjiżi terzi mhumiex awtorizzati jistadu f'ibħra Tajlandiżi. It-Tajlandja tipproċessa kwantitajiet kbar ta' prodotti tas-sajd ta' pajjiżi terzi kemm minn dawk notifikati kif ukoll minn dawk mhux notifikati.

(39) Xi ħut ta' pajjiżi terzi joriġina minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż li kienu nnotifikati mill-Kummissjoni bħala potenzjalment li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkoperawx skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Dawn jinkludu: Il-Korea, Papua New Guinea u l-Filippini.

(40) It-Tajlandja tipproċessa wkoll ħut minn pajjiżi terzi li mhumiex innotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament IUU inkluż Vanuatu, l-Istati Federali tal-Mikroneżja u l-Gżejjer Marshall. Dan iżid ir-riskju li l-prodotti tal-ħut destinati għas-suq tal-UE ma jistgħux jiġu ggarantiti bħala li ma jkunux ġejjin minn sajd IUU (kif deskritt fil-premessi minn 48 sa 51)

(41) L-awtoritajiet Tajlandiżi żviluppaw għadd ta' skemi ta' traċċabilità biex jissorveljaw u jikkontrollaw il-prodotti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jidħlu fil-portijiet tagħhom għall-ipproċessar u għall-esportazzjoni.

(42) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet, 10 % tal-ħatt l-art f'portijiet Tajlandiżi huwa vverifikat. Madankollu, l-awtoritajiet m'għandhomx bażi legali biex jispezzjonaw, jissanzjonaw jew jirrifjutaw l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi f'portijiet Tajlandiżi. L-importazzjonijiet kollha jinħarġilhom permess ta' importazzjoni mal-preżentazzjoni ta' sett ta' dokumenti (ir-reġistrazzjoni tal-bastiment, il-liċenzja, eċċ.) u ċertifikat tal-qabda fil-każ ta' prodotti maħsuba għas-suq tal-UE. Iż-żjarat tal-2012 u l-2014 żvelaw li ċ-ċertifikati tal-qabda spiss jaslu ġimgħat jew anke xhur wara l-importazzjoni fit-Tajlandja. Huwa diffiċli ħafna, jekk mhux impossibbli, li tiġi stabbilita r-rabta bejn il-permess tal-importazzjoni u n-numru taċ-ċertifikat tal-qabda, u b'hekk it-traċċabilità ssir saħansitra aktar diffiċli.

(43) Il-paragrafi 11(2) u 11(3) tal-Kodiċi ta' Mġiba tal-FAO jgħidu li l-kummerċ internazzjonali ta' ħut u prodotti tal-ħut ma għandux jikkomprometti l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, u għandu jkun ibbażat fuq miżuri trasparenti kif ukoll fuq liġijiet, regolamenti u proċeduri amministrattivi sempliċi u komprensivi. Barra minn hekk l-IPOA IUU jipprovdi gwida dwar miżuri relatati mas-suq li dwarhom hemm ftehim internazzjonali (il-punti 65 sa 76), li tappoġġja t-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tal-kummerċ ta' ħut u prodotti tal-ħut li jkunu ġejjin minn sajd IUU. Is-sistemi ta' traċċabilità osservati mill-Kummissjoni (kif deskritt fil-premessi 44 sa 48) juru biċ-ċar kif it-Tajlandja naqset milli tieħu miżuri biex ittejjeb it-trasparenza tas-swieq tagħha u b'hekk tipprevjeni r-riskju li prodotti IUU jiġu nnegozjati mit-Tajlandja.

(44) Fl-2012 il-Kummissjoni żaret diversi operaturi, sensara u impjanti tal-ipproċessar tat-tonn biex tevalwa t-trasparenza u t-traċċabilità fis-suq tal-industrija tas-sajd fit-Tajlandja. Ġew identifikati għadd ta' nuqqasijiet (kif deskritt fil-premessi 45 sa 47).

(45) L-awtoritajiet Tajlandiżi implimentaw sistema ta' traċċabilità żviluppata biex jiżguraw li kull prodott intenzjonat għas-suq tal-UE jkun jista' jiġi traċċat lura għall-oriġini tiegħu u li jkun hemm kont tal-prodotti kollha. Waqt iż-żjara tagħha f'Ottubru 2012, il-Kummissjoni evalwat din is-sistema ta' traċċabilità kemm fil-livell tal-awtoritajiet kif ukoll fil-livell tal-kumpaniji tal-ipproċessar. Il-Kummissjoni stabbiliet li s-sistemi ta' traċċabilità żviluppati mill-awtoritajiet pubbliċi Tajlandiżi mhumiex inkorporati fis-sistemi tal-kontabilità tal-kumpaniji u għaldaqstant ma jassigurawx li d-dejta hija eżawrjenti u affidabbli billi ma hemm ebda rabta bejn dak li jitniżżel fis-sistemi tal-awtoritajiet u dak li huwa rreġistrat fis-sistemi tal-kontabilità tal-produzzjoni tal-kumpanniji. Din is-sitwazzjoni ddgħajjef l-affidabilità tal-katina tat-traċċabilità fil-livell tal-kumpaniji. Barra minn hekk, il-bażijiet elettroniċi tad-dejta li jappoġġjaw is-sistemi tal-awtoritajiet mhumiex kompluti u xi dokumenti kruċjali fil-katina tal-provvista, bħad-Dokument tal-Moviment tal-Importazzjoni, ma jirreġistrawx dejta kritika (pereżempju l-isem tal-bastiment fornitur u l-kwantità totali attwalment mixtrija mill-kumpanija tal-ipproċessar). Dan jenfasizza n-nuqqasijiet fis-sistema sħiħa tat-traċċabilità.

(46) Skemi nazzjonali tad-dokumentazzjoni li ġew żviluppati mill-awtoritajiet għall-finijiet tat-traċċabilità jintużaw b'mod ħażin mill-operaturi, li nstab li jirreġistraw il-kwantitajiet ta' ħut li jidħol b'mod żbaljat. Dan jesponi s-sistema għall-possibilità ta' abbuż billi, permezz ta' ċertifikati tal-qabda żbaljati, l-operaturi jitħallew jiddikjaraw li daħħlu kwantitajiet akbar milli fil-fatt ikun vera u b'hekk isir ħasil tal-ħut grazzi għal dawn l-istimi ogħla.

(47) Il-kumpaniji jagħmlu Karta Bilanċjali tal-Istokk tal-Materja Prima għall-finijiet ta' din l-iskema. Huma jimlew il-parti li tirreferi għall-kwantitajiet sħaħ iddikjarati fuq iċ-ċertifikat tal-qabda għall-kuntrarju ta' dawk li nxtraw realment. Il-karta bilanċjali timtela minn kumpaniji mingħajr rabta ma' sistemi interni tal-kontabilità u dan jagħmluh wara l-ipproċessar sabiex jiksbu d-dikjarazzjoni tal-ipproċessar tal-Anness IV mill-awtoritajiet. Dan juri li s-sistemi tar-reġistrazzjoni tad-dejta osservati mhumiex suffiċjenti billi ma jiħdux kont tad-differenzi fil-qligħ mill-produzzjoni u r-rati ta' konverżjoni. Barra minn hekk, l-inabilità li jkun hemm rabta bejn il-kwantitajiet ta' materja prima u l-kwantitajiet ta' prodotti pproċessati bl-użu ta' sistemi ta' kontabilità interna tesponi u tiftaħ is-sistema għal dikjarazzjonijiet żbaljati u l-ħasil ta' prodotti IUU. L-għadd relattivament żgħir ta' awditi mid-Dipartiment tas-Sajd u n-nuqqas ta' azzjoni ċara kontra dan in-nuqqas fis-sistemi ta' traċċabilità juru nuqqas ta' rieda li tiġi żgurata t-trasparenza fil-katina tal-provvista u nuqqas ta' miżuri kontra operaturi konnessi direttament jew indirettament ma' attivitajiet ta' sajd IUU b'konformità ma' dawk deskritti fil-punt 72 sa 74 tal-IPOA-IUU.

(48) Iż-żjara tal-2012 żvelat ukoll li 40 000 tunnellata ta' tonn importat ma ġewx ikkontrollati mill-awtoritajiet doganali. Il-kollaborazzjoni bejn id-DS u d-Dwana biex tiġi żgurata l-preċiżjoni tal-importazzjonijiet ta' materja prima hija dgħajfa.

(49) Bi tħejjija għaż-żjara tal-2014, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (European Fisheries Control Agency - EFCA) analizzat ftit mijiet ta' ċertifikati tal-qabda ppreżentati fil-fruntieri tal-UE għal kunsinni li joriġinaw mit-Tajlandja. Dawn iċ-ċertifikati tal-qabda kienu vvalidati mill-awtoritajiet tas-sajd Tajlandiżi abbażi ta' informazzjoni pprovduta minn operaturi Tajlandiżi. L-impatt ta' problemi fis-sistemi ta' reġistrazzjoni tad-dejta kif deskritt hawn fuq jidhru fl-irregolaritajiet elenkati hawn taħt (kif deskritt fil-premessi 50 u 51).

(50) L-analiżi ta' prodotti maqbuda lokalment żvelat l-inkonsistenzi li ġejjin: kwantitajiet differenti tal-istess materja prima li jippreżentaw piżijiet ugwali ta' prodotti pproċessati finali; żewġ ċertifikati tal-qabda maħruġa għall-istess vjaġġ; prodotti mnixxfa li jżidu fil-piż għall-kuntrarju tat-tnaqqis mistenni osservat wara l-proċess ta' deidrazzjoni; rendiment tal-produzzjoni li jvarja minn esportatur għall-ieħor bi prodotti finali jinstabu li jkunu sa darbtejn l-ammont ta' materja prima; data tal-esportazzjoni bejn tliet (3) sa erba'(4) snin wara d-data tal-qabda u tal-produzzjoni; żona tal-qbid mhux indikata; Miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali, reġjonali u nazzjonali mhux indikati.

(51) L-analiżi ta' ċertifikati tal-qabda ta' pajjiżi terzi pproċessati fit-Tajlandja żvelat l-irregolaritajiet li ġejjin: ċertifikat tal-qabda marbut ma' attività IUU magħrufa; dejta fuq iċ-ċertifikati tal-qabda żbaljata jew inkonsistenti bħal: numru IMO żbaljat, inkonsistenzi bejn il-piż ta' dak li jinqabad, jinħatt u jiġi pproċessat, bastimenti mhux elenkati fir-reġistri approvati tal-RFMO, bastimenti tat-ġarr li mhumiex fuq il-lista ta' bastimenti tat-ġarr stabbiliti tal-RFMO, dati ta' ħatt l-art qabel dawk tat-trażbord, kwantitajiet u dati fuq iċ-ċertifikati tal-qabda emendati. Dan l-ipproċessar ta' prodotti maħruġ minn qabdiet direttament marbuta ma' attivitajiet IUU kif ukoll qabdiet li ġejjin minn ċertifikati tal-qabda bi żbalji ċarament identifikabbli, juri li t-Tajlandja naqset milli tikkopera ma' Stati oħra u organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd biex tadotta miżuri xierqa relatati mal-kummerċ biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU kif inhu speċifikat fil-punt 68 u 72 tal-NPOA-IUU.

(52) L-informazzjoni deskritta fil-premessi 50 u 51 turi li prodotti pproċessati mit-Tajlandja jostakolaw ir-regoli sostenibbli ta' wara l-ħsad kif deskritti fl-Artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO u tenfasizza aktar kif it-Tajlandja naqset milli timponi regoli biex tiżgura koperazzjoni adegwata ma' pajjiżi terzi li huma stati tas-sajd u timplimenta miżuri li jiżguraw it-trasparenza u t-traċċabilità ta' prodotti fis-suq skont il-punti 67 sa 69 u 71 sa 72 tal-NPOA-IUU sabiex tippermetti t-traċċabilità tal-ħut u ta' prodotti tal-ħut.

(53) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġburin mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-istqarrijiet magħmulin mill-pajjiż, jista' jiġi stabbilit li, skont l-Artikolu 31(3) u 31(4)(b) tar-Regolament IUU, it-Tajlandja ma wettqitx l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-kosta u tas-suq biex tipprevjeni l-aċċess ta' prodotti tas-sajd li jirriżultaw minn sajd IUU lejn is-suq tagħha.

### 3.2. Nuqqas ta' koperazzjoni u ta' infurzar (l-Artikolu 31(5) tar-Regolament IUU)

(54) Skont l-Artikolu 31(5)(a), il-Kummissjoni analizzat il-kollaborazzjoni tagħha mat-Tajlandja biex tara jekk din ikkoperatx effettivament billi wieġbet għall-mistoqsijiet, ipprovdiet rispons jew investigat kwistjonijiet relatati mas-sajd IUU u l-attivitajiet assoċjati.

(55) Il-kollaborazzjoni ġiet ivvalutata mal-progress li kisbet it-Tajlandja minn sena għal sena.

(56) Wara ż-żjara tal-2011, il-Kummissjoni stiednet lit-Tajlandja biex tikkopera fuq għadd ta' kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd li kienu jeħtieġu attenzjoni urġenti. Dawn huma elenkati hawn taħt. — Il-qafas legali u amministrattiv għall-ġestjoni tas-sajd kien jeħtieġ aġġornament mal-adozzjoni tal-Liġi dwar is-Sajd u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-IUU biex tkun żgurata it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta' leġiżlazzjoni internazzjonali u reġjonali. — Il-Kummissjoni stiednet lit-Tajlandja biex tiżviluppa skema ta' sanzjonijiet koerenti u ta' deterrent appoġġjata minn reġistru tal-ksur u tas-sanzjonijiet. — Il-Kummissjoni ssuġġeriet titjib fil-qafas tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza biex tiżgura l-kontroll tal-flotta Tajlandiża u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-portijiet Tajlandiżi. L-iżvilupp ta' Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti kif ukoll l-iżvilupp ta' pjan ta' spezzjonijiet. — L-effettività u t-trasparenza tal-iskema taċ-ċertifikazzjoni u t-traċċabilità tal-qabda għal esportazzjonijiet destinati għas-suq tal-UE kellhom jittejbu.

(57) Iż-żjara tal-2012 fit-Tajlandja żvelat ftit li xejn progress fl-oqsma ta' tħassib identifikati mill-Kummissjoni fl-2011 (kif deskritt fil-premessa ta' hawn fuq). Il-liġi dwar is-sajd u l-NPOA-IUU kienu għadhom qed jiġu abbozzati bi skedi ta' żmien għall-adozzjoni vagi. Ma ġie osservat l-ebda żvilupp fil-qafas ta' Monitoraġġ, Kontroll u Sorveljanza (Monitoring Control and Surveillance — MCS) u, ħlief għal rabta addizzjonali bejn id-dokumenti tal-importazzjoni u ċ-ċertifikati tal-qabda ta' pajjiżi terzi, ma ġew innutati l-ebda kisbiet sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' sistema għat-traċċabilità tagħhom. Ir-rapport tal-Kummissjoni ta' Novembru 2012 jagħti dettalji dwar diversi kwistjonijiet imsemmija f'din il-premessa, u dawn huma l-istess bħal dawk li nstabu fiż-żjara riċenti ta' Novembru 2014.

(58) Il-Kummissjoni tenniet il-ħtieġa għall-koperazzjoni u għal azzjonijiet korrettivi fir-rapport tagħha tad-9 ta' Novembru 2012. It-Tajlandja kkummentat dwar ir-rapport fit-23 ta' Jannar 2013. Il-Kummissjoni wieġbet għal dawn il-kummenti fil-15 ta' Frar 2013 u enfasizzat li l-azzjonijiet Tajlandiżi jirreferu għal inizjattivi futuri mingħajr ma jagħtu objettivi dettaljati jew skadenzi ta' żmien għat-tlestija. Ma ngħataw l-ebda azzjonijiet jew soluzzjonijiet konkreti għall-problemi elenkati fiż-żjajjar tal-2011 u l-2012 u l-mistoqsijiet dwar l-adozzjoni tal-Liġi dwar is-Sajd u titjib fis-sistema ta' traċċabilità, baqgħu ma tweġbux.

(59) It-Tajlandja wieġbet bi *Pjan ta' Azzjoni għat-Titjib fis-Sistema ta' Traċċabilità għal Prodotti tas-Sajd Importati* fil-11 ta' April 2013. Dan kien ikkumplementat b'laqgħa teknika fis-27 ta' April 2013 li matulha t-Tajlandja kkommettiet ruħha għal skedi ta' żmien għall-adozzjoni tal-qafas legali ġdid (stabbiliti għall-2013) b'objettivi dettaljati ta' proġetti tas-sajd u ta' traċċabilità li kienu għadhom għaddejjin.

(60) Il-komunikazzjoni ta' wara nbdiet mill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2014, biex titlob segwitu għaż-żjara tal-2012. Iż-żjara ta' Ottubru 2014 żvelat li ma kien sar ebda progress mill-2012 lil hawn. L-adozzjoni kritika tal-liġi dwar is-sajd li tippermetti l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' għodod ewlenin ta' ġestjoni u traċċabilità tas-sajd kienet għadha abbozz bl-adozzjoni skedata għal xi żmien fl-2015. Il-kopertura tal-VMS tnaqqset għal anqas dgħajjes mill-2012 u l-analiżi taċ-ċertifikati tal-qabda pproċessati fit-Tajlandja enfasizzat ir-riskji li fis-suq tal-UE jidħlu prodotti IUU. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li t-Tajlandja naqset milli tindirizza l-kwistjonijiet kollha identifikati fl-2012 u naqset milli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha fuq kwistjonijiet amministrattivi, tekniċi u soċjali tal-flotta tagħha skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS. Barra minn hekk, hija naqset milli timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 24 tal-IPOA IUU fir-rigward tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza fuq il-flotta tagħha, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tal-VMS u r-rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord (kif deskritt fil-premessi minn 36 sa 38 u minn 69 sa 74).

(61) B'mod ġenerali l-awtoritajiet Tajlandiżi kkoperaw u rrispondew malajr għal talbiet għal informazzjoni jew verifiki kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (KE) 1005/2008. Madankollu, l-eżattezza tat-tweġibiet tagħhom ġiet ostakolata minn nuqqasijiet fis-sistemi ta' traċċabilità tagħhom kif deskritt fit-Taqsima 3(1) ta' din id-Deċiżjoni. Dawn id-dgħufijiet huma aggravati min-nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet Tajlandiżi u l-pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera li minnhom timporta l-materja prima.

(62) Skont l-Artikoli 63 u 64 tal-UNCLOS, l-Istati kostali u tal-bandiera għandhom jikkoperaw fir-rigward tal-ġestjoni ta' speċijiet ta' ħut transżonali u li jpassi ħafna. Il-punti 28 u 51 tal-IPOA IUU jiddeskrivu l-prattiki u l-oqsma ta' ħidma li dwarhom l-Istati jeħtieġ jippruvaw jikkoperaw. Dawn jinkludu l-iżvilupp ta' politiki komuni, mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tad-dejta u ħidma konġunta dwar il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza.

(63) It-Tajlandja hija l-akbar importatur tat-tonn fid-dinja, b'importazzjoni bejn 800 000 sa 850 000 tunnellata metrika ta' tonn fis-sena (dejta tal-2008) għall-forniment ta' aktar minn 50 impjant tal-ipproċessar li kollha jispeċjalizzaw fl-ipproċessar tat-tonn. 90 % ta' dawn l-importazzjonijiet joriġinaw mill-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent u l-bqija mill-Oċean Indjan tal-Punent ([7]). Dawn iċ-ċifri jenfasizzaw ir-rwol importanti li t-Tajlandja għandha fil-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd ipproċessati lejn l-Ewropa u għaldaqstant l-importanza tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi li minnhom timporta l-prodotti tal-ħut bħala materja prima.

(64) Mill-2010 lil hawn it-Tajlandja wettqet 26 verifika biss fuq eluf ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera u 14 biss minn dawn il-verifiki twieġbu mill-pajjiżi terzi li huma Stati tal-bandiera. Meta wieħed jikkunsidra l-kwistjonijiet enfasizzati fil-premessi 51 u 52 dwar problemi fiċ-ċertifikati tal-qabda ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tqis li t-Tajlandja naqset milli tikkopera ma' Stati oħra biex tiffaċilita l-komunikazzjoni billi l-ewwel nett ma tippubbliċizzax il-punti ta' kuntatt formali għal komunikazzjoni Interstatali u t-tieni nett billi ma tidħolx fi ftehimiet jew arranġamenti ma' Stati li minnhom timporta prodotti tas-sajd għall-ipproċessar.

(65) Fl-2011 it-Tajlandja kellha fis-seħħ arranġamenti bilaterali dwar is-sajd ma' Myanmar, il-Jemen, l-Oman, l-Iran, Papua New Guinea u l-Bangladesh. Minn dawn, arranġament bilaterali wieħed biss għadu fis-seħħ illum ma' assoċjazzjonijiet individwali tas-sajd f'Papua New Guinea.

(66) F'Ottubru 2014, ħames(5) bastimenti tas-sajd Tajlandiżi ġew arrestati minħabba sajd illegali fiż-ŻEE tal-Papua New Guinea. Dan il-punt tqajjem mill-Kummissjoni fil-laqgħa mat-Tajlandja fid-19 ta' Novembru 2014 iżda d-DS iddikjara li ma kien jaf xejn dwar l-avveniment. Dan jenfasizza l-koperazzjoni fqira bejn it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra, anki dawk li magħhom għandha ftehimiet bilaterali.

(67) Skont l-Artikolu 31(5)(b), il-Kummissjoni analizzat miżuri eżistenti ta' infurzar biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU fit-Tajlandja.

(68) Ir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-liċenzji ta' bastimenti mhumiex ċari u n-nuqqas ta' konformità mal-obbligu tar-reġistrazzjoni stipulat fil-liġi Tajlandiża ma ġiex sanzjonat kif xieraq mill-awtoritajiet Tajlandiżi ([8]). Din is-sitwazzjoni hija aggravata min-nuqqas ta' koperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet biex titqabbel id-dejta dwar ir-reġistrazzjoni u tħalli s-sistema miftuħa għall-frodi (il-premessi 35 u 36). L-Artikolu 94 tal-UNCLOS u l-punti 42 u 43 tal-NPOA-IUU jispeċifikaw b'mod ċar l-obbligi li l-Istati tal-bandiera għandhom fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tikkunsidra li t-Tajlandja naqset milli tiżgura li bastimenti li jtajru l-bandiera tagħha jkunu rreġistrati u lliċenzjati u naqset milli tieħu miżuri ta' infurzar effettivi biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

([7]) Informazzjoni miġbura mir-rapport tal-pajjiż "Accompanying developing countries in complying with the Implementation of Regulation (EC) No 1005/2008 on Illegal, Unreported and Unregulated (IUU) Fishing, EuropeAid/129609/C/SER/Multi".

([8]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 7.

(69) Matul il-laqgħa ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni saħqet fuq il-livelli baxxi ta' penali previsti fl-abbozz rivedut tal-Liġi dwar is-Sajd. Il-livell attwali ta' multi mhuwiex biżżejjed biex iċaħħad bastimenti kummerċjali kbar mill-benefiċċji akkumulati minn attivitajiet potenzjalment illegali. Għaldaqstant, il-penali kif inhuma llum mhumiex komprensivi u severi biżżejjed biex iwettqu l-funzjoni tagħhom ta' deterrent. Barra minn hekk, id-DS ma jżommx reġistru tal-ksur u tas-sanzjonijiet u konsegwentement ma jistax juża r-rabta bejn il-ksur biex jiskopri reati ripetuti. Dan huwa aggravat min-nuqqas ta' ċarezza u trasparenza fil-liġijiet u l-proċeduri, b'mod partikulari fir-rigward tar-reġistrazzjoni u tal-liċenzjar tal-bastimenti, kif ukoll it-traċċabilità u l-affidabilità tal-informazzjoni dwar id-dejta tal-ħatt l-art u tal-qabda. It-Tajlandja tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha li timponi miżuri effettivi ta' infurzar skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS u naqset milli turi li għandha fis-seħħ sistema ta' sanzjonijiet xierqa għall-ġlieda kontra l-IUU kif deskritt fil-punt 21 tal-IPOA IUU.

(70) Ir-rekwiżiti tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (il-VMS) mhumiex speċifikati fil-leġiżlazzjoni Tajlandiża u l-bastimenti mhumiex legalment obbligati joperaw sistema tal-VMS fl-ibħra territorjali Taljandiżi.

(71) Fl-2011, id-Dipartiment tas-Sajd ippreżenta t-tnedija ta' proġett pilota tal-VMS li jinvolvi aktar minn 300 bastiment. Is-sistema kienet operata minn fornituri privati u l-frekwenza tar-rappurtar ma ssodisfatx l-istandards internazzjonali dwar ir-rappurtar bil-VMS bħal dawk stabbiliti mill-RFMOs. Barra minn hekk, l-irregolaritajiet fil-frekwenza tar-rapportar u fir-rapportar bil-VMS ma ġewx segwiti kif xieraq mid-DS.

(72) Fl-2012, il-proġett pilota tal-VMS kien ikopri 110 bastimenti, dawn il-bastimenti kienu joperaw fi stati kostali jew ibħra internazzjonali fejn il-VMS huwa meħtieġ bil-liġi. Il-proġett kellu jiġi estiż għall-flotta kollha kummerċjali sal-2014-15. Madankollu sa Ottubru 2014, il-kopertura tal-VMS kienet tnaqqset għal 50 bastiment u ma kien għad hemm l-ebda qafas legali fis-seħħ biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-VMS għall-flotta Tajlandiża.

(73) In-nuqqas ta' kopertura tal-VMS fil-parti l-kbira tal-flotta juri n-nuqqas ta' ħila fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tas-sajd fuq il-baħar u jdgħajjef il-kapaċità biex id-DS jinforza r-regoli applikabbli għaż-żoni ta' baħar differenti kkonċernati b'mod effettiv. Dan, flimkien man-nuqqas ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi rriżulta f'bastimenti tas-sajd Tajlandiżi jistadu fl-ibħra tal-PNG mingħajr VMS, fejn il-liġi tal-PNG titlob VMS abbord għall-bastimenti kollha ta' pajjiżi terzi. It-Tajlandja fasslet abbozz ta' programm għall-installazzjoni ta' transponders tal-VMS fuq il-flotta tagħha (il-bastimenti kollha ta' aktar minn 30 tunnellaġġ gross). In-nuqqas tat-Tajlandja li timplimenta sistema ta' VMS effettiva jaffettwa l-konformità tagħha mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS u r-rakkomandazzjonijiet tal-punt 24 tal-IPOA-IUU. Għaldaqstant, il-Kummissjoni temmen li t-Tajlandja ma tiżgurax monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effettivi tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha.

(74) Il-ftit verifika li ssir mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn it-Tajlandja (il-premessa 64) turi li t-Tajlandja ma kkoperatx b'mod proattiv ma' pajjiżi terzi biex tiżgura l-legalità tal-prodotti pproċessati. Dan idgħajjef it-trasparenza tal-katina ta' traċċabilità u l-abbiltà tad-DS biex jaqbad kull ksur u jieħu azzjoni xierqa ta' infurzar.

(75) Il-Kummissjoni tinnota li, abbażi tal-informazzjoni misluta miż-żjajjar tal-Kummissjoni fl-2011 u fl-2012, ma tistax tqis li l-awtoritajiet Tajlandiżi għandhom nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, iżda pjuttost ma għandhomx l-ambjent legali u amministrattiv meħtieġ biex jiżgura l-prestazzjoni effiċjenti u effettiva tad-dmirijiet tagħhom bħala stat tal-bandiera, kostali u tas-suq.

(76) It-Tajlandja hija meqjusa bħala pajjiż fil-fażi avvanzata tal-iżvilupp ([9]) li jirċievi għajnuna permezz ta' sħubijiet konġunti ma' diversi organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. il-FAO) u mal-UE. It-Tajlandja għandha indiċi għoli fl-iżvilupp tal-bniedem, u fl-2014 ġiet ikklassifikata fid-89 post minn 187 pajjiż ([10]) skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Fid-dawl ta' dawn l-elementi u tal-informazzjoni li toħroġ miż-żjajjar bejn l-2011 u l-2014, il-Kummissjoni tqis li t-Tajlandja mhijiex nieqsa mir-riżorsi finanzjarji biex twettaq dmirijietha bħala stat tal-bandiera, tal-kosta, tal-port u tas-suq, iżda pjuttost nieqsa mill-istrumenti legali u amministrattiv meħtieġa biex tiżgura sistemi effiċjenti u effettivi għat-twettiq tal-obbligi tagħha.

(77) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-istqarrijiet kollha li għamel ir-Renju tat-Tajlandja, jista' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u (5) tar-Regolament IUU, li t-Tajlandja naqset milli taqdi d-dmirijiet tagħha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tal-isforzi għall-koperazzjoni u l-infurzar.

([9]) Informazzjoni misluta minn http://www.fao.org/fi/oldsite/FCP/en/THA/profile.htm
([10]) Informazzjoni misluta minn http://hdr.undp.org/sites/all/themes/hdr_theme/country-notes/THA.pdf

3.3. **Nuqqas ta' implimentazzjoni ta' regoli internazzjonali (l-Artikolu 31(6) tar-Regolament IUU)**

(78) It-Tajlandja rratifikat l-UNCLOS fl-2011 u hija parti kontraenti tal-IOTC.

(79) Skont l-Artikolu 31(6)(b), il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni kollha dwar l-istatus tat-Tajlandja bħala parti kontraenti tal-IOTC. Il-kwistjonijiet prinċipali kienu l-arrest ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera Tajlandiża mingħajr awtorizzazzjoni jew liċenzja tas-sajd fiż-ŻEE ta' Mauritius ([11]) fl-2011, u l-possibbiltà ta' ksur minn bastimenti tas-sajd tat-tonn bil-konz waqt trasbordi fuq il-baħar fl-2013 ([12]). It-Tajlandja investigat u pprovdiet tweġiba sodisfaċenti ([13]) għall-każ tal-2013 iżda ma weġbitx għall-każ tal-2011 u ma ppreżentat l-ebda rapport dwar l-investigazzjoni tal-kwistjoni ([14]). Dan mhuwiex kompletament konsistenti mar-rekwiżiti għall-Stati tal-bandiera biex jinvestigaw kwistjonijiet marbuta ma' ksur tal-bastimenti tagħhom skont l-Artikolu 94 tal-UNCLOS u mal-obbligu ta' koperazzjoni ma' Stati dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi ħajjin skont l-Artikolu 118 tal-UNCLOS. Ġew irrappurtati kwistjonijiet minuri oħra rigward is-sottomissjonijiet tard ta' dejta ta' osservazzjoni u tal-qabda, iżda dawn kollha ġew imwieġba fi żmien l-iskadenzi adatti ([15]).

(80) L-Att dwar is-Sajd 2015 rivedut ġie abbozzat għall-ewwel darba fl-1999 b'żidiet żgħar, li ddaħħlu f'Diċembru 2014, li jistipulaw miżuri addizzjonali b'rabta mal-kontroll tas-sajd, l-akkwakultura, l-iġjene tal-ikel u s-sistema ta' penali. Madankollu, l-abbozz attwali ppreżentat mhuwiex biżżejjed biex jindirizza l-kumplessitajiet tal-lum tal-attivitajiet tas-sajd u l-kummerċ ta' prodotti mit-Tajlandja. L-ewwel nett, id-definizzjonijiet jidhru insuffiċjenti billi ma jinkludux definizzjonijiet ta' attivitajiet li huma meqjusa bħala IUU jew jikkostitwixxu ksur serju. It-tieni nett, il-kamp ta' applikazzjoni huwa dejjaq wisq billi b'mod ġenerali jistipula l-ġestjoni ta' attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet territorjali u fi tliet (3) żoni barra miż-ŻEE Tajlandiża li għalihom bħalissa ma hemm l-ebda arranġament jew awtorizzazzjoni ta' sajd. Biex il-kamp ta' applikazzjoni jkun effettiv, dan għandu japplika għall-bastimenti kollha li joperaw fl-ilmijiet tagħha u għall-bastimenti Tajlandiżi li joperaw barra ż-ŻEE. It-tielet nett, l-abbozzar sar qabel ma t-Tajlandja rratifikat l-UNCLOS fl-2011, u t-test propost ma jittrasponix il-prinċipji ewlenin ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali bħal dawk skont l-Artikolu minn 61 sa 64 tal-UNCLOS. Barra minn hekk, it-test ġie abbozzat qabel l-iżvilupp ta' għadd ta' strumenti internazzjonali ewlenin għall-ġestjoni tas-sajd bħall-IPOA IUU fl-2001 u għalhekk ma jinkorporax il-prinċipji u d-definizzjoni ta' dan it-test li għalkemm mhux vinkolanti huwa aċċettat b'mod ġenerali. Fl-aħħar nett, mhix inkluża skema ta' sanzjonar deterrenti, fatt li jdgħajjef il-kapaċità tat-Tajlandja li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 73 tal-UNCLOS dwar l-infurzar tal-liġijiet u r-regolamenti, u l-punt 21 tal-IPOA IUU.

(81) L-Artikolu 62(1) tal-UNCLOS jistabbilixxi li l-Istati kostali għandhom jadottaw miżuri kompatibbli ma' dawk li japplikaw fir-reġjun u fl-ibħra internazzjonali sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul ta' stokkijiet ta' ħut transżonali u li jpassi ħafna u biex jippromwovu l-aħjar użu tar-riżorsi tas-sajd. Il-qafas legali Tajlandiż jistipula biss miżuri limitati ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-ibħra territorjali.

(82) Bl-eċċezzjoni tal-UNCLOS 1982, it-Tajlandja ma rratifikatx strumenti legali internazzjonali oħra b'rabta mal-ġestjoni tas-sajd. Meta wieħed iqis l-importanza tat-Tajlandja bħala Stat tas-suq partikolarment għat-tonn migratorju u speċijiet simili għat-tonn, dawn is-sejbiet jostakolaw l-isforzi biex hija tissodisfa l-obbligi tagħha ta' koperazzjoni skont l-UNCLOS (l-Artikoli 62 u 63 u 116 u 117).

(83) In-nuqqasijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-VMS mhumiex konformi mal-paragrafu 24(3) tal-IPOA IUU, li jistipula li l-Istati għandhom iwettqu monitoraġġ, kontroll u sorveljanza komprensivi u effettivi tas-sajd, minn meta jibda sal-punt tal-ħatt l-art u sad-destinazzjoni finali, inkluż bl-implimentazzjoni ta' VMS skont l-istandards nazzjonali, reġjonali u internazzjonali rilevanti. Ir-ratifika u t-traspożizzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni minn strumenti internazzjonali msemmija hawn fuq jgħinu biex il-flotta Tajlandiża ma tiġix identifikata bħala potenzjalment involuta f'attivitajiet IUU.

(84) It-Tajlandja ma adottatx il-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO) li jirrakkomanda t-trasparenza fil-liġijiet tas-sajd u fit-tħejjija tagħhom, kif ukoll fil-proċessi rispettivi ta' tfassil u teħid ta' deċiżjonijiet u fil-proċessi ta' ġestjoni (il-paragrafi 6(13) u 7(1)(9) rispettivament). Din tipprovdi prinċipji u standards applikabbli għall-konservazzjoni, il-ġestjoni

([11]) Informazzjoni misluta minn http://www.iotc.org/sites/default/files/documents/proceedings/2012/coc/IOTC-2012-CoC09-R%5BE%5D.pdf
([12]) Informazzjoni misluta minn http://www.iotc.org/documents/report-eleventh-session-compliance-committee-0
([13]) Informazzjoni misluta minn http://www.iotc.org/documents/response-possible-infractions-thailand-under-rop
([14]) Informazzjoni misluta minn http://www.iotc.org/documents/report-eighth-session-iotc-working-party-ecosystems-and-bycatch
([15]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 12.

u l-iżvilupp tas-sajd kollu u tkopri wkoll, fost l-oħrajn, il-qbid, l-ipproċessar u l-kummerċ ta' ħut u prodotti tal-ħut, l-operazzjonijiet tas-sajd u r-riċerka dwar is-sajd. In-nuqqas ta' għarfien dwar l-importanza ta' dawn il-prinċipji espressa mid-DS fil-laqgħa ta' Novembru 2014 isaħħaħ il-konklużjonijiet milħuqa b'mod preliminari mill-Kummissjoni dwar in-nuqqas tat-Tajlandja milli tiżgura regoli u proċeduri ċari, komprensivi u trasparenti (kif deskritt fil-premessa 80). Barra minn hekk in-nuqqasijiet fit-traċċabilità kif deskritt fit-Taqsima 3.1 ta' din id-Deċiżjoni huma kontra l-prinċipju tal-Artikolu 11(1)(11) tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO li jitlob lill-Istati jiżguraw li l-kummerċ internazzjonali u lokali ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd isir skont prattiki ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tajbin billi jittejbu l-identifikazzjoni tal-oriġini tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd. Meta wieħed iqis l-importanza tat-Tajlandja bħala waħda mill-akbar nazzjonijiet fl-ipproċessar tal-ħut, l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji tidher li hija ta' importanza vitali biex tiġi żgurata l-konservazzjoni ta' riżorsi ħajjin kemm f'ilmijiet kostali kif ukoll f'ibħra internazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 61, 117 u 119 tal-UNCLOS.

(85) Il-prestazzjoni tat-Tajlandja fl-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali mhijiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-punt 10 tal-IPOA IUU li jirrakkomanda li l-Istati, bħala prijorità, jirratifikaw, jaċċettaw u jaderixxu mal-UNFSA. Il-Kummissjoni tqis li, fil-każ tat-Tajlandja, li għandha flotta sinifikanti ta' bastimenti tas-sajd involuti f'operazzjonijiet tas-sajd marbutin ma' speċijiet ta' ħut li jpassi ħafna (l-aktar it-tonn fiż-żoni tal-IOTC u possibbilment fiż-żona tal-WCPFC), din ir-rakkomandazzjoni hija partikolarment rilevanti.

(86) Fid-dawl tas-sitwazzjoni spjegata f'din it-Taqsima tad-Deċiżjoni u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni, kif ukoll mid-dikjarazzjonijiet kollha li għamel il-pajjiż, jista' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(3) u (6) tar-Regolament IUU, li t-Tajlandja naqset milli taqdi d-dmirijiet tagħha skont il-liġi internazzjonali fir-rigward tar-regoli, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali.

### 3.4. Restrizzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp

(87) Ta' min ifakkar li, skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (United Nations Human Development Index — UNHDI), it-Tajlandja titqies bħala pajjiż bi żvilupp għoli tal-bniedem (fid-89 post minn 187 pajjiż). Ta' min ifakkar ukoll li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp ([16]), it-Tajlandja hija elenkata fil-kategorija ta' Pajjiżi u Territorji bi Dħul Medju-Għoli ([17]).

(88) Ta' min jinnota li n-notifika tat-Tajlandja bħala Stat tal-bandiera ġiet aċċettata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament IUU fis-6 ta' Ottubru 2009. It-Tajlandja kkonfermat, kif mitlub mill-Artikolu 20(1) tar-Regolament IUU, li għandha arranġamenti nazzjonali fis-seħħ għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li magħhom għandhom ikunu konformi l-bastimenti tas-sajd tagħha.

(89) Ta' min jinnota wkoll li l-Unjoni diġà ffinanzjat azzjoni ta' assistenza teknika speċifika fit-Tajlandja fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU fl-2011 ([18]).

(90) Meta wieħed iqis il-klassifika tal-UNHDI u l-osservazzjonijiet matul iż-żjajjar bejn l-2011 u l-2014, l-ebda evidenza ma tissuġġerixxi li n-nuqqas tat-Tajlandja milli taqdi l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali huwa r-riżultat ta' livelli baxxi ta' żvilupp. Ma teżisti l-ebda evidenza tanġibbli li tikkorrelata n-nuqqasijiet fil-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd man-nuqqas ta' kapaċitajiet u infrastruttura. It-Tajlandja qatt ma sostniet li l-limitazzjonijiet fl-iżvilupp jaffettwaw l-abbiltà tagħha li jkollha MCS b'saħħitha u kien biss dan l-aħħar (f'Novembru 2014) li talbet appoġġ mill-UE biex ittejjeb l-iskemi tat-traċċabilità u taċ-ċertifikazzjoni tal-qabda. Il-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv għal din it-talba ġenerali.

(91) Fid-dawl tas-sitwazzjoni kif spjegata f'din it-Taqsima, u abbażi tal-elementi fattwali kollha miġbura mill-Kummissjoni kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet kollha magħmulin mill-pajjiż, jista' jiġi stabbilit, skont l-Artikolu 31(7) tar-Regolament IUU, li l-istatus tal-iżvilupp u l-prestazzjoni globali tat-Tajlandja fir-rigward tal-ġestjoni tas-sajd mhumiex ostakolati mil-livell tal-iżvilupp tagħha.

([16]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.
([17]) Il-lista tad-DAC ta' riċevituri tal-ODA:
http://www.oecd.org/dac/stats/documentupload/DAC%20List%20of%20ODA%20Recipients%202014%20final.pdf
([18]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 7.

4. **KONKLUŻJONI DWAR IL-POSSIBBILTÀ TA' IDENTIFIKAZZJONI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOPERAX**

(92) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu dwar in-nuqqas tat-Tajlandja milli taqdi l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, tal-kosta jew tas-suq u milli tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU, dak il-pajjiż għandu jiġi nnotifikat, skont l-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, bil-possibbiltà li l-Kummissjoni tidentifikah bħala pajjiż li ma jikkoperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

(93) Skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lit-Tajlandja bil-possibbiltà li tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkoperax. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-*démarches* kollha stipulati fl-Artikolu 32 tar-Regolament IUU fir-rigward tat-Tajlandja. Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żmien li matulu dak il-pajjiż jista' jwieġeb bil-miktub għan-notifika u jirranġa s-sitwazzjoni.

(94) Barra minn hekk, in-notifika lit-Tajlandja dwar il-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis li ma jikkoperax għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, la tipprekludi u lanqas ma tfisser b'mod awtomatiku li l-Kummissjoni jew il-Kunsill se jieħdu xi azzjoni sussegwenti għall-finijiet tal-identifikazzjoni u tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi li ma jikkoperawx.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

It-Tajlandja għandha tiġi nnotifikata bil-possibbiltà li tiġi identifikata mill-Kummissjoni bħala pajjiż terz li ma jikkoperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni*

Karmenu VELLA

*Membru tal-Kummissjoni*

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiki restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ AT.39685(1) Fentanil**

**Relatur: il-Latvja**

(2015/C 142/07)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-"ftehim ta' kopromozzjoni" u l-addendum tiegħu (il-"ftehim") konkluż mill-partijiet kellu l-iskop li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-konklużjoni li l-ftehim bejn il-partijiet seta' jħalli effett konsiderevoli fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101 paragrafu 3 TFUE mhumiex sodisfatti.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea rigward id-destinatarji kollha tal-abbozz tad-deċiżjoni, speċifikament fir-rigward ta' responsabbiltà tal-ġenituri.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni rigward it-tul tal-ksur.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar prattiki restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2013 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni relatata mal-Każ AT.39685(2) Fentanil**

**Relatur: il-Latvja/ir-Renju Unit**

(2015/C 142/08)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għandhom jiġu imposti multi fuq id-destinatarji tal-abbozz tad-deċiżjoni.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont bażiku tal-multa għal Johnson & Johnson/Janssen-Cilag B.V.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar iż-żieda għal Johnson & Johnson/Janssen-Cilag B.V. biex jiġi żgurat effett deterrenti suffiċjenti.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont finali tal-multa għal Johnson & Johnson/Janssen-Cilag B.V.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni li tibbaża l-kalkolu ta' multa għal Novartis AG/Sandoz B.V. fuq il-valur trasferit.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar iż-żieda għal Novartis AG/Sandoz B.V. biex jiġi żgurat effett deterrenti suffiċjenti.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont finali tal-multa għal Novartis AG/Sandoz B.V.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

# Ir-Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta (1)

## Fentanil

## (AT.39685)

(2015/C 142/09)

(1) Dan il-każ jikkonċerna l-hekk imsejjaħ ftehim ta' "kopromozzjoni" bejn il-kumpanija farmaċewika oriġinatriċi Olandiża Janssen-Cilag B.V., sussidjarja ta' Johnson & Johnson (minn hawn 'il quddiem "J&J") u l-kumpaniji farmaċewtiċi ġeneriċi Olandiżi Hexal B.V u Sandoz B.V., li t-tnejn huma sussidjarji ta' Novartis AG fl-istess żmien tal-ksur allegat (minn hawn 'il quddiem "Novartis/Sandoz"). Skont il-ftehim, l-isfidant ġeneriku għandu jastjeni milli jidħol fis-suq Olandiż għall-mediċina kontra l-uġigħ, fentanil.

(2) Fit-30 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni Ewropea adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO"). Il-partijiet irċevew aċċess għall-fajl fil-15 ta' Frar 2013 u wieġbu għad-DO fit-22 u fit-30 ta' April 2013 rispettivament, wara li d-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ta estensjoni ta' ġimgħa u ġimagħtejn għall-iskadenza oriġinali. Il-partijiet ma talbux għal smigħ orali.

(3) Fid-dawl tal-argumenti u fatti ġodda li waslu meta l-partijiet taw it-tweġibiet tagħhom għad-DO, il-Kummissjoni ħarġet Ittra ta' Fatti fis-17 ta' Ottubru 2013, li għaliha J&J wieġbu fit-30 ta' Ottubru 2013 u Novartis/Sandoz, wara li d-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ta estensjoni qasira tat-terminu, fis-6 ta' Novembru 2013.

(4) L-abbozz tad-deċiżjoni jikkonkludi li l-ftehim bejn J&J u Novartis/Sandoz jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

(5) Skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE, jiena eżaminajt jekk l-abbozz tad-deċiżjoni jitrattax biss l-oġġezzjonijiet rigward liema partijiet ingħataw l-opportunità li jgħarrfu l-opinjonijiet tagħhom, u jien wasalt għal konklużjoni pożittiva.

(6) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u wara li tqies li l-partijiet ma indirizzawli l-ebda talba jew ilment, nikkunsidra li l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali tal-parteċipanti kollha fil-proċedimenti f'dan il-każ ġie rrispettat.

Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

Wouter WILS

(1) Skont l-Artikolu 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("Id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

**Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**

**tal-10 ta' Diċembru 2013**

**relatat mal-proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**(Il-Każ AT.39685 — Fentanil)**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8870)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

(2015/C 142/10)

## 1. INTRODUZZJONI

(1) Fl-10 Diċembru 2013, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inklużi kull piena imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

(2) Id-deċiżjoni tikkonċerna l-hekk imsejjaħ ftehim "kopromozzjoni" (minn hawn 'il quddiem "il-ftehim") li l-partijiet tiegħu huma sussidjarji Olandiżi tal-impriżi farmaċewtiċi Johnson & Johnson u Novartis AG. Il-ftehim kien jipprovdi għal pagamenti ta' kull xahar minn Johnson & Johnson sakemm (mill-inqas) il-kompetitur potenzjali Novartis jastjeni milli jidħol fis-suq fil-Pajjiżi l-Baxxi b'verżjoni ġenerika tagħha tal-prodott fentanil ta' Johnson & Johnson's, li hu mediċina qawwija għal kontra l-uġigħ.

## 2. DESTINATARJI

(3) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Johnson & Johnson, is-sussidjarja Olandiża tagħha Janssen-Cilag B.V. (minn hawn 'il quddiem "Janssen-Cilag"), Novartis AG (minn hawn 'il quddiem "Novartis"), u s-sussidjarja Olandiża tagħha Sandoz B.V. (minn hawn 'il quddiem "Sandoz").

## 3. IL-PROĊEDURA

(4) Il-proċedimenti komplew fit-18 ta' Ottubru 2011.

(5) Fit-30 ta' Jannar 2013, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġiet adottata u nnotifikata lill-partijiet kollha.

(6) Il-partijiet ippreżentaw ir-risposti tagħhom għad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet f'April 2013 u l-ebda seduta verbali ma ġiet mitluba.

(7) Il-Kumitat Konsultattiv dwar il-Prattiċi Restrittivi u l-Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fit-2 u s-6 ta' Diċembru 2013.

(8) Il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni preżenti fl-10 ta' Diċembru 2013.

## 4. KSUR TAL-ARTIKOLU 101 TFUE

(9) Johnson & Johnson żviluppat il-fentanil u ilha tikkummerċjalizzah f'forom differenti mis-snin 60. Fl-2005, prodott ta' Johnson & Johnson's, paċċ depot tal-fentanil, ma kienx aktar protett fil-Pajjiżi l-Baxxi u s-sussidjarja Olandiża tan-Novartis kienet fuq ix-xifer li tniedi verżjoni ġenerika tagħha tad-*depot patch* tal-fentanil. Kienet, pereżempju, diġà pproduċiet il-materjal tal-ippakkjar meħtieġ.

(10) Madankollu, f'Lulju 2005, minflok li fil-fatt bdiet tbigħ il-verżjoni ġenerika, Sandoz ikkonkludiet l-hekk imsejjaħ "ftehim ta' kopromozzjoni" ma' Janssen-Cilag, is-sussidjarja Olandiża ta' Johnson & Johnson. Il-pagamenti ta' kull xahar miftiehma minn Janssen-Cilag qabżu l-qligħ li Sandoz kienet mistennija li tikseb mill-bejgħ tal-prodott ġeneriku tagħha, sakemm ma kien hemm l-ebda dħul ġeneriku fil-Pajjiżi l-Baxxi. Skont id-dokumenti interni, Sandoz kienet se tastjeni milli tidħol fis-suq bi skambju għal "*parti mill-kejk*". Minflok ma jikkompetu, Johnson & Johnson u Novartis qablu li jikkooperaw sabiex "*ma jkollhomx depot ġeneriku fis-suq u b'dak il-mod iżommu l-prezz għoli attwali*".

(11) Konsegwentement, Sandoz ma nedietx il-prodott tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi sakemm il-ftehim kien fis-seħħ. Il-Ftehim ġie tterminat f'Diċembru 2006 meta parti terza kienet fil-proċess li tniedi *patch* ġeneriku tal-fentanil.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

(12) Il-Kummissjoni kkonkludiet dan li ġej. Abbażi tal-analiżi tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku, Sandoz, fiż-żmien fejn hija kkonkludiet il-ftehim ma' Janssen-Cilag, kienet kompetitriċi mill-qrib u (għall-inqas) potenzjali ta' Janssen-Cilag. Il-ftehim inkluda mekkaniżmu ta' nuqqas ta' dħul fis-suq li permezz tiegħu il-pagamenti ta' kull xahar ta' Janssen-Cilag kellhom jintemmu jekk Sandoz jew kwalunkwe parti terza tidħol fis-suq. Għaldaqstant, Sandoz baqgħet barra mis-suq Olandiż bil-paċċ depot tal-fentanil tagħha għat-tul kollu tal-ftehim (mill-11 ta' Lulju 2005 sal-15 ta' Diċembru 2006). B'konsegwenza tal-ftehim, il-kompetitur ġeneriku potenzjali (għall-inqas) mill-qrib ġie eskluż mis-suq fi żmien meta t-theddida ta' dħul fis-suq tiegħu kienet imminenti.

(13) Madankollu, għall-perjodu kkonċernat, Janssen-Cilag ħallset bejn wieħed u ieħor total ta' EUR 5 miljun lil Sandoz f'pagamenti bin-nifs kull xahar. L-ammont imħallas lil Sandoz kien konsiderevolment aktar minn dak li Sandoz nnifisha stenniet, fiż-żmien meta kkonkludiet il-ftehim, li taqla' li kieku nediet l-istrateġija tagħha stess tal-paċċ depot tal-fentanil fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dawk il-pagamenti ta' kull xahar kienu previsti fis-servizzi ta' kompromozzjoni mhux definiti. Matul il-perjodu kopert bl-ewwel ftehim ta' kopromozzjoni (mill-11 ta' Lulju 2005 sal-11 ta' Lulju 2006), Sandoz wettqet biss attivitajiet limitati ta' promozzjoni, u għall-perjodu kopert mill-addendum (mill-11 ta' Lulju 2006 sal-15 ta' Diċembru 2006), ma hemm l-ebda evidenza li xi attivitajiet ta' promozzjoni kienu mwettqa minn Sandoz kienu x'kienu.

(14) L-elementi oġġettivi ta' hawn fuq tal-analiżi ġew ikkonfermati mill-intenzjonijiet tal-partijiet. Iż-żewġ partijiet fasslu l-ftehim ta' kopromozzjoni b'tali mod li jiżguraw li l-prodott ġeneriku ta' Sandoz jinżamm barra mis-suq u Janssen-Cilag tkun tista' timmassimizza l-profitti tagħha għal bejgħ tal-prodott oriġinatur sakemm il-ftehim kien fis-seħħ. Janssen-Cilag qasmet dawk il-profitti soprakompetittivi ma' Sandoz.

(15) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-ftehim kien jikkostitwixxi restrizzjoni tal-Artikolu 101 TFUE minħabba l-oġġett.

## 5. TUL TAŻ-ŻMIEN TAL-KSUR

(16) Il-ksur dam għaddej mill-inqas mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim inizjali dwar il-kopromozzjoni fil-11 ta' Lulju 2005 sa tmiem il-ftehim tal-kopromozzjoni (li jinkludi l-addendum) fil-15 ta' Diċembru 2006.

## 6. MULTI

(17) Dawn il-multi ġew imposti minħabba l-ksur f'dan il-każ:

— Johnson & Johnson u Janssen-Cilag B.V., *in solidum*: EUR 10 798 000,

— Novartis AG u Sandoz B.V., *in solidum*: EUR 5 493 000.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

## Rapport Speċjali Nru 4/2015 "L-assistenza teknika: x'kontribut tat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali?"

(2015/C 142/11)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 4/2015 "L-assistenza teknika: x'kontribut tat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali?" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu

Verżjoni stampata tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Cour des comptes européenne
Publications (PUB)
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
email: eca-info@eca.europa.eu

jew billi timla formola ta' ordni elettronika fuq l-EU-Bookshop.

---

## Rapport Speċjali Nru 5/2015 "L-istrumenti finanzjarji huma għodda ta' suċċess u promettenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali?"

(2015/C 142/12)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 5/2015 "L-istrumenti finanzjarji huma għodda ta' suċċess u promettenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali?" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu

Verżjoni stampata tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Cour des comptes européenne
Publications (PUB)
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
email: eca-info@eca.europa.eu

jew billi timla formola ta' ordni elettronika fuq l-EU-Bookshop.

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7624 — KKR / Comcast / Pentech / Piton / Scottish Enterprise / Shamrock / FanDuel / JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 142/13)

1. Fit-22 ta' April 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (1) li permezz tagħha KKR & Co. L. P. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerika), Comcast Ventures LP u NBC Sports Venture, LLC, li jappartjenu lil Comcast Group ("Comcast", l-Istati Uniti tal-Amerika), Pentech Fund II L. P. ("Pentech", ir-Renju Unit), Piton Capital Venture Fund L. P. ("Piton", ir-Renju Unit), Scottish Enterprise (ir-Renju Unit) u Shamrock Capital Growth Fund III, L. P. ("Shamrock", l-Istati Uniti tal-Amerika) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' FanDuel Limited ("FanDuel", ir-Renju Unit) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal KKR: ġestjoni globali alternattiva tal-assi u fornitir ta' soluzzjonijiet dwar is-suq kapitali,

— għal Comcast: servizzi globali tal-midja u t-teknoloġija,

— għal Pentech: ditta ta' kapital tar-riskju,

— għal Piton: ditta ta' kapital tar-riskju u ta' ekwità tat-tkabbir,

— għal Scottish Enterprise: l-aġenzija għall-iżvilupp ekonomiku tal-Iskozja,

— għal Shamrock: ditta tal-investiment,

— għal FanDuel: servizzi sportivi onlajn ta' fantasija lejn l-Amerka ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (2), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), jew permezz tal-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7624 — KKR / Comcast / Pentech / Piton / Scottish Enterprise / Shamrock / FanDuel / JV, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2015/C 142/14)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**"SAUCISSON DE LACAUNE"/"SAUCISSE DE LACAUNE"**

**Nru tal-UE: FR-PGI-0005-01201-27.3.2014**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**

"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2 Prodotti tal-laħam (imsajra, immelħa, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Is-"Saucisson de Lacaune" huwa salami mnixxef, ta' forma ċilindrika aktarx regolari, ippakkjat f'ġilda magħmula minn musrana naturali. Il-piż tiegħu jvarja minn 200 g għal aktar minn 2 kg. Huwa ppreżentat kif inhu, imdawwar f'xibka jew marbut bis-spag.

Is-"Saucisse de Lacaune" huwa zalzett imnixxef, ta' forma ċilindrika regolari, ippakkjat f'ġilda magħmula minn musrana naturali. Jista' jinstab f'forom varji:

— zalzett milwi jagħti għat-tond: liwja f'forma ta' U, b'piż ta' bejn 200 g u 500 g,

— zalzett dritt, mhux għat-tond, b'piż ta' bejn 200 g u 500 g,

— zalzett "bastun", imgeżwer madwar bastun għat-tnixxif, huwa ppreżentat f'serje ta' ħoloq mingħajr numru jew piż speċifiċi.

Is-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" għandhom konsistenza li tvarja minn ratba għal soda u kompatta. Meta z-zalzett jitfettet, biċċiet ta' laħam dgħif u xaħam huma viżibbli, karatteristika tal-ikkapuljar f'biċċiet kbar (minimu ta' 8 mm), mingħajr għeruq (tendons) jew qarquċa. Il-biċċiet tax-xaħam huma perfettament intatti, sodi u ta' lewn abjad. Il-laħam dgħif huwa kkaratterizzat minn lewn li jvarja minn aħmar għal aħmar skur. Is-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" għandhom apparenza ftit li xejn xaħmija.

"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" għandhom aroma u togħma tipika ta' laħam imnixxef u mmaturat, b'nota li tixbah il-bżar kemxejn aċċentwata. L-intensità aromatika hija ħafifa. L-aroma u t-togħma ta' xaħam ma jagħtux fil-għajn.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

Is-"Saucisson de Lacaune" u s-"Saucisse de Lacaune" huma magħmula b'80 % u 70 % ta' laħam dgħif rispettivament. Il-proporzjon ta' laħam dgħif li jiġi mmaturat huwa mill-inqas 30 %.

Il-ħwawar użati huma taħlita ta' melħ, bżar u noċemuskata. Iż-żieda ta' nitrat tal-potassju, fermenti lattiċi, zokkor u kisja ta' dqiq fil-wiċċ hija permessa.

Il-proprjetajiet fiżiko-kimiċi tas-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" huma kif ġej:

— livell ta' umdità meta jitneħħa x-xaħam: ≤ 52 % jew ≤ 56 % għal salami b'dijametru ikbar minn 70 mm,

— kontenut ta' xaħam (meta l-livell ta' umdità wara li jitneħħa x-xaħam ikun ta' 77 %): ≤ 20 %,

— proporzjon ta' kollaġen/proteini: ≤ 13 %,

— kontenut totali ta' zokkor solubbli (meta l-livell ta' umdità wara li jitneħħa x-xaħam ikun ta' 77 %): ≤ 2 %,

— pH: ≥ 5,2 għal prodotti li jiżnu anqas minn 1 kg u ≥ 5,0 għall-prodotti li jiżnu aktar minn 1 kg.

Is-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" jinbiegħ:

— f'biċċa waħda, ittikkettata: bil-waħdiet jew ippakkjat f'boroż b'fetħiet kbar; f'boroż f'atmosfera protettiva; jew ippakkjati f'vakwu,

— imfettet: ippakkjat f'vakwu jew f'atmosfera protettiva, ħlief meta jintalab imqatta'.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

L-ikel għat-tismin għall-ħnieżer tar-refgħa b'piż ta' iktar minn 25 kg u majjali nisa, jikkonsisti f'minimu ta' 60 % ta' ċereali, prodotti bbażati fuq ċereali u żrieragħ tal-legumi.

Il-kontenut massimu ta' aċidu linolejku huwa stabbilit għal 1,9 % ta' materja niexfa.

Il-laħam immaturat użat fil-produzzjoni tas-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" ġej minn ħnieżer nisa u ħnieżer tar-refgħa tqal b'karkassi li jiżnu aktar minn 120 kg. Il-bqija tal-laħam huwa majjal ġej minn ħnieżer b'karkassi li jiżnu 80 kg jew aktar.

Ix-xaħam użat huwa xaħam tad-dahar. Huwa ta' lewn abjad u iebes. Ix-xaħam taż-żaqq jista' jintuża wkoll fis-"Saucisse de Lacaune".

F'każ li l-laħam u x-xaħam li jintużaw ikunu friski, jiġu kkapuljati sa mhux iktar tard minn sitt ijiem wara l-qatla. Jekk jintuża laħam iffriżat, l-iffriżar iseħħ mhux iktar tard minn 72 siegħa wara l-qatla. Il-laħam u x-xaħam huma maħżuna f'temperatura ta' – 18 °C jew inqas, għal mhux aktar minn 4 xhur.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Dawn il-passi li ġejjin iseħħu fiż-żona ġeografika ddefinita: għażla tal-qatgħat; preparazzjoni tas-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune", inklużi l-ikkapuljar, il-mili u l-maturazzjoni bi-sħana; u t-tkomplija tal-proċess ta' tnixxif.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Mhux applikabbli.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

It-tikkettar tal-prodott għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem tal-IĠP "Saucisson de Lacaune" jew "Saucisse de Lacaune",

— il-logo "Lacaune" li fih kodiċi identifikattiv magħmul minn "M" kapitali, sottolinjata u miktuba bl-idejn b'mod li tevoka l-muntanji, u taħtha hemm miktub l-isem "LACAUNE" b'ittri kapitali.

## 4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika tikkonsisti minn dawn il-ħdax-il muniċipalità fid-dipartiment ta' Tarn: Barre, Berlats, Escroux, Espérausses, Gijounet, Lacaune, Moulin Mage, Murat-sur-Vèbre, Nages, Senaux u Viane.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Fatturi naturali

Iż-żona ġeografika li fiha "Saucisson de Lacaune" u "Saucisse de Lacaune" huma prodotti tikkostitwixxi unità omoġenja fost il-muntanji ta' Lacaune. Iż-żona hija magħmula minn baċir li jħares lejn il-Lvant u l-Punent, u li jifforma l-magħqad tal-ilma tax-xmara Gijou. Fin-Nofsinhar tagħha ż-żona hija delimitata mill-baċir tal-iskular prinċipali, minn Montgrand sa Montalet, li jilħaq għoli ta' iktar minn 1 200 m, u fit-Tramuntana minn baċir tal-iskular sekondarju, minn Roquecézière sal-quċċata ta' Le Merdélou, li jinsab f'għoli ta madwar 1 000 m u jgħaddi mil-Passaġġ ta' Sié. Dawn iż-żewġ ostakoli fiżiċi joħolqu baċir topografiku li fih jalternaw l-influwenzi klimatiċi kontrastanti tal-Oċean Atlantiku u tal-Baħar Mediterran. Barra minn hekk, b'riżultat tal-altitudni tagħha, din iż-żona ġeografika hija wkoll soġġetta għall-klima alpina.

B'dawn it-tlett fatturi, il-klima tar-reġjun hija kkaratterizzata minn:

— xita abbundanti mifruxa b'mod ugwali matul is-sena kollha,

— temperatura medja relattivament baxxa b'varjazzjonijiet żgħar,

— alternazzjoni regolari fin-natura u d-direzzjoni tar-riħ u l-umdità, flimkien ma' varjabbiltà sinifikanti fit-temperatura u l-umdità, anke f'temp ta' ġurnata waħda.

Fatturi umani

Storikament, il-produzzjoni tas-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" taf l-oriġini tagħha fil-kummerċ tal-"*mazelier*", li kien stabbilit sew f'Lacaune fil-Medju Evu. Fil-lingwa Oċċitana, dan it-terminu kien jiddeskrivi persuna li joqtol il-baqar, in-nagħaġ u l-ħnieżer. Madwar is-seklu 15, bl-introduzzjoni tal-ispeċjalizzazzjoni professjonali, it-terminu "*mazelier*" beda jindika persuna li jittrasforma l-laħam tal-majjal, jiġifieri l-ekwivalenti tal-biċċier tal-lum.

L-għarfien ta' dawk li jimmaturaw il-laħam huwa fundamentali biex jinħadem dan il-prodott "ħaj". Dan jirriżulta fuq diversi livelli.

Dawk li jimmaturaw il-laħam jagħżlu, jippreparaw u jitħnu l-laħam u x-xaħam skont il-metodi tagħhom stess, it-tagħmir u l-kwalità tal-ingredjenti użati. Il-ħiliet tal-ikkapuljar tagħhom huma partikolarment rilevanti. Il-laħam matur huwa ppreferut, imħallat ma' perċentwal għoli ta' laħam dgħif.

L-għarfien espert fl-użu ta' xfafar għat-tfettit u/jew għat-tqattigħ jirriżulta f'taħlita omoġenja. Din tal-aħħar tinkludi frak kbir, ta' daqs uniformi prodott minn magna tal-ikkapuljar b'minimu ta' 8 mm, jew bi kwalunkwe teknika oħra ta' tħin li tagħti l-istess dehra lill-ikkapuljat.

It-tħawwir huwa sempliċi: melħ, bżar u, possibbilment, noċemuskata. Ma jintuża l-ebda addittiv għajr in-nitrat tal-potassju.

It-taħlita hija ppakkjata biss f'ġilda magħmula minn musrana naturali. It-taħlita tiġi mmaturata bis-sħana u titnixxef, pass li jieħu mill-inqas għaxart ijiem għaz-zalzett imnixxef, u 18-il jum għall-prodotti oħra. Sabiex jiġi vverifikat li l-fermentazzjoni fil-forn għaddejja kif suppost, dawk responsabbli mill-immaturar iwettqu testijiet billi jħossu l-prodott b'idejhom. Meta jingħafas bl-idejn, il-konsistenza trid tkun soda u kompatta.

F'kull pass tal-produzzjoni, dawk responsabbli mill-maturazzjoni jottimizzaw it-tul ta' kull stadju, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' temperatura u umdità, skont il-kundizzjoni tas-salami u z-zalzett. Fil-kmamar tat-tnixxif, isir monitoraġġ ta' kuljum li jikkontrolla d-dehra u l-aroma tal-prodotti, kif ukoll biex jinżammu taħt kontroll il-kundizzjonijiet ta' maturazzjoni, jiġifieri t-temperatura tal-arja u l-umdità, u b'hekk jiġu evitati irregolaritajiet waqt it-tnixxif. Tkun xi tkun it-teknika użata, u sew jekk il-kmamar tat-tnixxif humiex naturali u sew jew ivventilati, l-operaturi għandhom jadattaw għall-varjazzjonijiet fit-temperatura tal-arja u tal-umdità ta' barra. Dawn il-varjazzjonijiet jitkejlu kuljum.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Is-"Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" huwa kkaratterizzat minn laħam dgħif ta' lewn li jvarja minn aħmar sa aħmar skur, frak oħxon tal-istess daqs, b'dehra ta' laħam dgħif meta jitfettet.

Il-karatteristiċi organolettiċi distintivi jinkludu intensità aromatika ħafifa u bbilanċjata li ma toħnoqx it-togħma naturali ta' laħam imnixxef u mmaturat. L-istruttura hija waħda ratba u kompatta, kemm meta tmissha kif ukoll fuq il-palat.

Fl-aħħar nett, il-prodotti "Saucisson de Lacaune"/"Saucisse de Lacaune" jiddistingwu ruħhom minħabba li huma ppreżentati esklussivament f'ġilda magħmula minn musrana naturali.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għal DPO) jew il-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra speċifiċi tal-prodott (għal IĠP)*

Ir-rabta kawżali tas-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” hija bbażata fuq l-eżistenza ta’ għarfien komuni bħala wirt tal-antenati u tradizzjonali, li jinfluwenza l-kwalità tal-prodott u jagħtih reputazzjoni tajba.

Iż-żona ġeografika tas-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” hija kkaratterizzata minn kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi li tradizzjonalment jiffavorixxu t-tnixxif. Iż-żona rat l-iżvilupp ta’ netwerk estensiv ta’ negozji fl-immaturar tal-laħam, li wirtu l-għarfien ta’ bosta ġenerazzjonijiet. Illum, metodi ta’ produzzjoni tradizzjonali għadhom jużaw laħam immaturat. Il-proporzjon minimu ta’ laħam dgħif huwa 80 % fil-produzzjoni tas-salami u 70 % għal taz-zalzett. Dan jagħti lill-laħam dgħif tas-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” il-kulur karatteristiku tiegħu, li jvarja minn aħmar sa aħmar skur, kif ukoll id-dehra ta’ laħam dgħif meta jitfettet.

L-għarfien espert huwa evidenti wkoll fl-għażla tal-qatgħat ta’ laħam, u fil-ħila tat-tħin biex jinkiseb frak oħxon.

L-ippakkjar f’gilda magħmul minn musrana naturali jagħti lis-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” preżentazzjoni speċifika.

L-intensità aromatika tal-prodotti “Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” hija moderata minħabba n-nuqqas ta’ ħwawar minbarra bżar u noċemuskata. Jeħtieġ ċertu għerf fl-ammont ta’ ħwawar miżjud, kif ukoll fil-ġestjoni ta’ kuljum tal-kmamar tat-tnixxif. Dan jippermetti li s-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” kompletament immaturati jżommu it-togħma naturali ta’ laħam imnixxef u mmaturat wara l-proċess kollu ta’ maturazzjoni.

Ħila fil-ġestjoni tal-maturazzjoni bis-sħana u t-tnixxif tgħin biex tinkiseb konsistenza minn ratba għal soda u kompatta, kemm meta tmissha kif ukoll fuq il-palat.

Fil-bidu tas-seklu 20, ir-reputazzjoni tas-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” kienet diġà stabbiliet ruħha, meta M. Cousin faħħar il-laħmijiet immaturati tal-Hôtel Central de Lacaune fil-ktieb tiegħu -“*Voyages gastronomiques au pays de France*”: “kollezzjoni eċċellenti ta’ laħmijiet immaturati tar-reġjun, magħmula minn prieżet u salami li mhux ta’ min jitlifhom”.

“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” huma deskritti fil-kodiċi tal-1980 u l-1986 li jirregolaw il-laħam immaturat, il-proċess ta’ maturazzjoni u l-laħam ippreżervat. Il-prodotti jidhru wkoll fl-inventarju tal-patrimonju kulinarju ta’ Franza, taħt it-titolu “*Midi-Pyrénées – produits du terroir et recettes traditionnelles*” tal-1996.

Studju li sar fl-2011 dwar ir-reputazzjoni u l-għarfien ta’ dawn il-prodotti wera li 77 % tal-persuni mistħarrġa fir-reġjuni ta’ Midi-Pyrénées u Languedoc-Roussillon huma familjari mal-perżut, mas-salami u maz-zalzett imnixxfa u mmaturati taż-żona ġeografika ta’ Lacaune. Dan ikkonferma r-reputazzjoni tajba tas-“Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” u l-perċezzjoni tagħhom bħala “prodotti lokali” u “prodotti tradizzjonali”.

Barra minn hekk, mhux rari li ssib artikli fl-istampa li jsemmu “Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune”, bħal pereżempju fil-pubblikazzjoni Midi Libre tat-8 ta’ Awwissu 2009 bl-isem “Un panier rempli d’odeurs” (Ġewlaq mimli aromi).

Nies minn din iż-żona ġeografika responsabbli mill-maturazzjoni rebħu b’mod regolari premjijiet fil-*Concours général agricole de Paris*. Mill-2012, “Saucisson de Lacaune”/“Saucisse de Lacaune” rebħu 13-il premju: ħames medalji tal-bronż, żewġ medalji tal-fidda u sitt medalji tad-deheb.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta’ dan ir-Regolament)

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCSaucissonSaucisseLacauneV1.pdf

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2015/C 142/15)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għall-oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**"SILTER"**

**Nru UE: IT-PDO-0005-01252 – 6.8.2014**

**DPO ( X ) IĠP ( )**

1. **Isem**

"Silter"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.3: Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Il-ġobon "Silter" għandu forma ċilindrika b'dijametru ta' bejn 34-40 cm, b'tarf dritt jew kemmxejn konvess ta' madwar 8-10 cm. Wara il-maturazzjoni tiegħu, il-ġobon jilħaq piż ta' bejn 10-16 kg, filwaqt li wara li jindilek biż-żejt u jitħalla jimmatura, l-qoxra tibbies u ssir lewn it-tibna li jagħti fil-kannella.

Is-sawra tal-ġobon hija soda iżda qatt partikolarment elastika, u t-toqob huma ta' daqs żgħir għall-medju u mifruxa Il-kontenut ta' xaħam għandu jkun bejn 27 % u 45 % fil-materja niexfa, filwaqt li l-kontenut ta' umdità ma jistax jaqbeż l-40 %.

Għandu togħma moderata, mingħajr noti morri filwaqt li ġobnijiet maturi ikollhom noti qawwija, u b'saħħithom L-aroma u t-togħma huma tipiċi taż-żona ta' produzzjoni u jdumu fl-imnieħer u fuq il-palat, bl-iktar noti distinti jinkludu frott imqadded, il-butir u l-ħalib tal-baqar li jirgħu, għalf aħdar jew imnixxef, dqiq tal-qastan u is-*silter* (jiġifieri il-postijiet tipiċi li lokalment jintużaw għall-maturazzjoni).

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-ġobon "Silter" jiġi prodott matul is-sena kollha u jintuża unikament ħalib mhux ipproċessat li huwa parzjalment xkumat unikament billi titneħħa l-krema li b'mod naturali titla' fil-wiċċ. Mill-inqas 80 % tal-baqar li jipproduċu l-ħalib fl-imprizi agrikoli individwali għandhom jappartjenu għar-razez tipiċi tal-muntanji (Bruna, Grigio Alpina u Pezzeta Rossa). Annimali bovini tar-razza Bruna għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 60 % tal-baqar kollha li jipproduċu l-ħalib fl-impriżi agrikoli individwali.

Baqar li jipproduċu l-ħalib għandhom jingħalfu b'ħaxix u/jew ħuxlief, filwaqt li ma jistgħux jingħataw foraġġ insilat. Iż-żona tal-produzzjoni kollha tal-ġobon "Silter" hija żona muntanjuża, soġġetta għall-limitazzjonijiet naturali fosthom l-altitudni, ix-xaqliba u l-klima, li għandhom riperkussjonijiet fuq il-produzzjoni staġonali ta' għalf. Dan għandu impatt fuq fid-dieta tal-baqar tal-ħalib.

Il-perċentwal ta' għalf (tiben u/jew ħaxix) miż-żona tal-produzzjoni ma tistax tkun inqas minn 50 % tal-materja xotta totali mitmugħa kull sena lill-baqar li jipproduċu l-ħalib. L-għalf jista' jkun issupplimentat minn konċentrati li jammontaw għal inqas minn 40 % tar-razzjon ta' materja niexfa.

Dawn il-perċentwali huma deliberatament kawti, peress li s-"Silter" huwa prodott fi żona muntanjuża fejn il-kundizzjonijiet huma inqas favorevoli u fejn f'xi snin b'ħafna xita, il-produzzjoni ta' għalf imnixxef (foraġġ insilat ma jistgħax jintuża) kultant hija diffiċli u l-produzzjoni ta' għalf ikkonċentrat ma tkunx fattibbli. Normalment, meta l-baqar jirgħu fil-biċċa l-kbira tal-jiem tas-sena, l-ammont ta' għalf miż-żona tal-oriġini fil-porzjon jaqbeż bil-kif l-ammonti imsemmija hawn fuq. Filwaqt li mhuwiex obbligatorju li jirgħu, dan isir ħafna fil mergħat tal-wied fir-rebbiegħa u l-ħarifa u fil-mergħat tal-muntanji fis-sajf, għall-perjodu li jvarja skont l-istaġuni. B'mod partikolari, meta dawn jirgħu f'mergħat tal-muntanji, l-għalf jiġi kollu kemm hu miż-żona ta' produzzjoni biss u bħala medja

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

l-konċentrati m'għandhomx jaqbżu t-30 % tal-materja niexfa li tittiekel. Il-konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet tad-dieta jagħmilha possibbli li jinżammu l-karatteristiċi organolettiċi u aromatiċi tas-“Silter” prodott matul is-sena kollha. Il-karatteristiċi speċifiċi tas-“Silter” huma determinati wkoll mid-diversità mikrobjali tal-ambjent fejn il-ħalib mhux maħdum huwa prodott u proċessat. Proġetti ta' riċerka (VALTEMAS 2012, FOOD FOR LIFE 2006) identifikaw il-mikro-organiżmi li għandhom rwol fil-proċess li bih isir il-ġobon u eżaminaw l-attivitajiet tal-enżimi li huma kruċjali għall-iżvilupp tal-karatteristiċi distintivi tas-“Silter”. Sabiex jiġu miġġielda l-influwenzi potenzjali minn sorsi barra miż-żona tal-produzzjoni, il-produtturi tal-ġobon għandhom aċċess għal starter kit ta' enzimi magħżula mil-mikroflora indiġena. L-iżvilupp ta' dawn il-batterji tal-aċidu lattiku iwasslu għall-formazzjoni ta' komposti aromatiċi u t-toqob żgħar tipiċi tas-“Silter”. Dawn il-batterji jevitaw ukoll l-iżvilupp ta' batterji oħra li jistgħu jibdlu l-aroma u t-togħma tal-ġobon.

Il-karatteristiċi speċifiċi tas-“Silter” u r-rabta tiegħu mal-ambjent huma garantiti mid-dieta tal-annimali bbażata l-aktar fuq il-ħaxix u/jew it-tiben miż-żona ġeografika, in-nuqqas ta' foraġġ insilat, il-preżenza ta' mikroflora awtoktona fil-ħalib mhux maħdum u l-użu tat-teknoloġija.

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu isiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

It-trobbija tal-annimali u l-produzzjoni u l-maturazzjoni tal-ġobon għandha ssir fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Is-“Silter” jistab fis-suq fil-forma sħiħa jew f'porzjonijiet. Porzjonijiet tal-ġobon ippakkjati minn qabel għandhom jinkludu parti tal-qoxra tat-tarf tal-forma oriġinali tal-ġobon li tiċċertifika l-oriġini tal-prodott.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Il-forom sħaħ ikkummerċjalizzati għandhom jinkludu l-kodiċi ID tal-istabbiliment tal-ipproċessar, id-data tal-produzzjoni, il-marka tal-oriġini, il-marka bin-nar u, fejn ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet, l-isem tal-mergħat tal-muntanji.

Il-marka tal-oriġini fuq n-naħa konvessa tal-qoxra tinkludi sensiela ta' xbihat ta' figuri umani għoljin 80 mm meħudha mit-tpinġijiet fuq il-ħagriet ta' Valcamonica, u żewġ fjuriet stillel tal-Alpi (*Leontopodium alpinum*).

Mitt jum wara l-produzzjoni, mill-inqas wieħed mill-uċuħ tal-ġobon irid jiġi mmarkat bin-nar bil-kelma “SILTER” miktuba f'ark, b'żewġ fjuri stillel tal-Alpi taħt u l-akronimu “D.O.P.” [DPO] fiċ-ċentru; Bejn iż-żewġ fjuri Stillel tal-Alpi hemm tpinġija oħra mill-ħaġar tal-Valcamonica li turi xenarju ta' ħrit.

Ġobon ippakkjat minn qabel għandu jkollu tikketta bil-logo ta' identifikazzjoni u l-kliem “Silter D.O.P.”, kif ukoll l-informazzjoni meħtieġa bil-liġi. Il-logo għandu jkun ta' lewn isfar okra u jżomm il-proporzjonijiet u l-forom stabbiliti.

## 4. Deskrizzjoni fil-qosor ta-żona ġeografika

Iż-żona tinkludi l-Comunità Montana di Valle Camonica [Il-Komunità tal-Muntanji tal-Valle Camonica] kollha u parti mill-Comunità Montana del Sebino Bresciano [Komunità tal-Muntanji tas-Sebino Bresciano] fil-Provinċja ta' Brescia. B'kollox jingħaddu 47 muniċipalità.

Iż-żona ġeografika testendi mill-Lag Iseo (baċir idrografiku b'erja ta' 65,3 km$^2$) sal-Mogħdija Gavia u l-Mogħdija Tonale.

## 5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni tas-"Silter" hija żona muntanjuża li tinsab fil-Prealpi u l-muntanji tal-Provinċja ta' Brescia. Kemm il-Lag Iseo fin-Nofsinhar kif ukoll l-iġbla ta' Adamello fit-Tramuntana jinfluewnzaw u jsawwru l-karattru ambjentali taż-żona.

Il-kimika tal-ħamrija differenti u varjazzjonijiet fil-klima u t-temperatura jippermettu l-iżvilupp ta' veġetazzjoni rikka, bi speċi li jvarjaw minn dawk taż-żona submuntanjuża għall-dawk tipiċi tal-mergħat għolja taż-żona subalpina. B'mod speċjali fiż-żoni muntanjużi, hemm bosta ħabitats għal-mergħat b'varjeta kbira ta' speċi li huma tajbin għall-għalf, bħall-Anthoxanthum spp u Achillea spp. Il-mergħat tal-wied u f'nofs l-pendil tal-muntanji jintużaw biex jitimgħu il-baqar tal-ħalib tul ix-xhur keshin. Sadanittant fis-sajf, il-120 l-mergħa tal-muntanji fiż-żona muntanjuża għolja jipprovdu mergħa għas-sajf.

Il-ġobon "Silter" huwa prodott f'ħafna azjendi, inklużi dawk żgħar li jipproċessaw, u b'hekk jikkonservaw, il-ħalib tagħhom stess bl-użu ta' metodi tradizzjonali li ngħaddew minn ġenerazzjoni għal oħra ta' bdiewa/produtturi tal-ġobon. Il-perijodu twil ta' maturazzjoni tal-ġobon "Silter" ippermetta lill-popolazzjoni rurali li żżomm il-prodott għal żmien twil, u tiżgura aċċessibbiltà għall-ikel matul is-sena kollha.

Hija ħaġa tradizzjonali għall-ħalib xkumat li jgħaddi mill-ipproċessar ġo bettija. Dan jibqa' għaddej għal tul twil ta' ħin, mill-inqas sagħtejn jew aktar, bil-baqtiet jistrieħu fix-xorrox.

Dan l-aħħar pass jagħti lis-"Silter" il-konsistenza partikolarment ramlija u n-nuqqas ta' elastiċità tipiċi tiegħu.

Il-ġobon "Silter" għandu perijodu ta' maturazzjoni relattivament twil ta' mill-inqas mitt jum wara d-data tal-produzzjoni.

Dan iħares it-tradizzjoni tal-ġobon li jżomm għal żmien twil; Fil-fatt, sa minn żmien żemżem, dan kien jirrappreżenta s-sors ewlieni ta' ikel għal dawk li jgħixu fiż-żoni tal-wied.

Il-parti l-kbira tal-maturazzjoni illum isseħħ fil-binjiet tipiċi magħrufa bħala *silter*, minn fejn il-ġobon ħa ismu, f'temperatura naturali ta' 7-20 °C b' 70-90 % ta' umdità. Hekk kif il-ġobon ikun qed jimmatura, il-produtturi jidilku biż-żejt u jigirfu l-qoxra ta' barra tal-ġobon, u l-ġobniet jiddawru fuq twavel minn żmien għal ieħor. Dawn l-istadji, mogħtija mit-tradizzjoni u mwettqa minn idejn esperti, jikkompetaw il-proċess ta' produzzjoni tas-"Silter".

Din it-teknoloġija tal-produzzjoni hija marbuta intimament mal-għarfien tal-produtturi tal-ġobon li jadattaw iż-żmien tal-proċess li fih isir il-ġobon għall-klima, il-flora preżenti u l-istadji fenoloġiċi tal-ġobon. Għal din ir-raġuni ma jistax jiġi replikat industrijalment u jibqa' patrimonju artiġjanali tal-produtturi tal-ġobon fil-wied u l-muntanji.

Il-karatteristiċi organolettiċi u sensorjali tas-"Silter" huma influwenzati minn fatturi marbuta mal-art u l-ambjent.

Il-qoxra hija iebsa u ta' kulur it-tiben jxaqleb lejn il-kannella. Il-karatteristiċi tiegħu jirriżultaw mill-perjodi twal ta' maturazzjoni u t-tindif kollu li jsir fuqu, inkluż kull dilka żejt li tingħata bl-idejn.

Il-ġobon huwa iebes, imrammel u ftit li xejn elastiku, b'toqob żgħar u ta' daqs medju imqassmin b'mod ugwali prodotti mill-mikroflora lattika. Il-kulur ivarja minn abjad fix-xitwa għall-isfar karg fir-rebbiegħa u fis-sajf.

It-togħma hija primarjament ħafifa, b'noti morri assenti jew kemm kemm perċepibbli, filwaqt li l-ġobon matur ikollu noti qawwija u/jew b'saħħithom.

L-ispeċi ta' pjanti endemiċi li parzjalment jiffurmaw l-għalf fihom komposti aromatiċi bħal kumarina u jagħtu lill-ħalib, u b'hekk lis-"Silter", it-togħmiet speċifiċi tiegħu.

L-intensità differenti tal-kulur isfar tal-ġobon tirriżulta unikament mill-fatt li l-baqar jieklu pjanti għall-għalf tipiċi taż-żona ġeografika, li fihom kontenut ta' karotenojdi li jinbidel mad-diversi stadji fenoloġiċi.

Fil-fatt, il-karotenojdi jikkawżaw varjazzjoni fl-intensità tal-kulur, peress li kemm il-pjanti leguminużi u dawk komposti fil-mergħat jiftħu fil-bidu tas-sajf, u jagħtu lill-ġobon kulur iktar karg. Fix-xitwa, l-użu predominanti ta' għalf imnixxef ifisser li l-ġobon għandu kulur iktar ċar li jkanġi fl-abjad.

It-tul ta' żmien u t-temperatura tad-diversi stadji tal-proċess, minn meta l-krema titla fil wiċċ sat-tisjir u l-perjodu li l-baqtiet iqattgħu fix-xorrox, huma magħrufa sew u mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra. L-għarfien tal-produtturi tal-ġobon jippermettilhom ifasslu dawn il-passi skont il-fatturi staġjonali u klimatiċi, mill-klima moderata tal-Lag Iseo għall-dawk ehrex tal-widien qrib il-glaċier Adamello. Il-karattru distintiv ta' din it-teknoloġija tal-produzzjoni, li huwa mgħoddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, huwa bbażat fuq l-użu ta' ħalib mhux ipproċessat li jippermetti l-karatteristiċi tal-ħalib li jiġi prodott f'din iż-żona u r-rikkezza ta' flora lattika lokali li għandhom jinżammu. Permezz tat-tradizzjoni u tas-sengħa, din it-teknoloġija tappartjeni lill-bdiewa u l-produtturi tal-ġobon tal-lokal u tippermetti l-produzzjoni tas-"Silter", ġobon b'togħma moderata u ta' konsistenza titfarrak.

Il-perċentwal baxx ta' xaħam, li jista' jkun saħansitra inqas minn 30 % fil-materja niexfa, huwa marbut mal-fatt li jiġi użat biss ħalib parzjalment xkumat. Hekk kif il-krema titla' fil-wiċċ, proċess li jdum mill-inqas tmien sigħat u jsir f'ambjent frisk u mrewwaħ, l-enżimi tal-ħalib tipiċi taż-żona ta' produzzjoni jimmultiplikaw, u jagħtu lis-"Silter" it-togħma u l-aroma tiegħu. Barra minn hekk, il-multiplikazzjoni ta' flora heterofermentattiva lokali tippermetti lill-ġobon jiżviluppa t-toqob karatteristiċi tiegħu ta' daqs żgħir għall-medju.

Il-fatt li l-baqtiet jisajjru u jgħaddu minn proċessar għal mill-inqas sagħtejn fejn jibqgħu fil-bettija taħt ix-xorrox, huwa wkoll vitali għall-iżvilupp ta' flora lattika lokali li jagħtu lis-"Silter" it-togħma u l-konsistenza tiegħu ramlija u mhux partikolarment elastika.

L-ippressar tal-ġobon jagħti lok għall-umdità biex tnixxi mill-qalba u tibda tifforma l-qoxra. L-ebusija tal-qoxra u l-kulur jvarja minn isfar għall-kannella, jirriżultaw mil-perjodu twil ta' maturazzjoni tal-ġobon fuq twavel tal-injam f'temperaturi naturali f'postijiet magħrufa bħala *silter*, u l-fatt li jindilku biż-żejt u jitnaddfu.

Hekk kif il-ġobon jimmatura, l-enżimi rilaxxati mill-flora lattika tal-post jgħinu biex jiġu prodotti komposti li jagħtu l-aroma u t-togħma ta' frott imqadded, butir u *silter* (jiġifieri tal-binjiet għall-maturazzjoni). Il-preżenza u l-varjetà ta' din il-mikroflora lattika, essenzjali għall-produzzjoni tas-"Silter", ġew murija permezz ta' studji u riċerki mwettqa f'diversi ażjendi tal-ġobon f'din iż-żona.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq dan is-sit tal-Internet:

http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335

Jew:

billi wieħed imur direttament fil-paġna ewlenija tas-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, Ikel u Forestrija (www.politicheagricole.it), jikklikkja fuq "Prodotti DOP IGP" (fin-naħa ta' fuq u tal-lemin tal-iskrin), imbgħad fuq "Prodotti DOP IGP STG" (fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin) u fl-aħħar nett fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT